**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Numru: 456/2012**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Malcolm Bondin)**

**vs**

**Graziella Francalanza**
**(ID 495080(M))**

**Illum: 7 ta' Lulju 2021**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputata **Graziella Francalanza** ta' 32 sena, bint John u Maria nee` Mangion, imwielda San Ġiljan, nhar it-22 ta' Ottubru 1980, residenti 147, Triq Blanche Huber, Sliema, detentriċi tal-karta tal-identita` bin-numru 495080(M);

Akkużata talli f'dawn il-Gżejjer jew barra minn dawn il-Gżejjer fil-5 ta' Novembru u fil-ġimgħat ta' qabel din id-data:

a. Forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga eroina, speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellha liċenzja mill-President ta' Malta mingħajr ma kienet awtorizzata bir-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita` mogħtija mill-President ta' Malta li tforni d-droga u mingħajr ma kienet fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-

Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellha liċenza jew xort'oħra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellha liċenza li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanzi dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

b. Kellha fil-pussess tagħha d-droga eroina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-raba' u sitt taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinitx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess tagħha u naqset li tipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilha għall-użu tagħha skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanzi dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, **liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tagħha**;

c. U aktar talli bħala persuna li mhux impjegata fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, mingħajr l-awtorita` leġittima, daħħlet jew ippruvat iddaħħal f'xi parti tal-konfini ta' ħabs xi oġġett, ikun li jkun, li huwa pprojbit skont xi regolament magħmula skont dan l-Att, jew garret jew ippruvat iġġorr xi oġġett bħal dawk barra minn xi ħabs, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 7(1)(2) tal-Kap 260 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputata tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u l-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali bi proċedura sommarja;

Rat illi waqt l-eżami tagħha skont il-liġi, l-imputata ddikjarat illi ma kellhiex oġġezzjoni li l-każ tagħha jiġi trattat bi proċedura sommarja, kif ukoll illi m'hijiex ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha;

Rat ukoll illi fil-preżentata tas-27 ta' Novembru 2012, il-Prosekuzzjoni ddikjarat illi l-imputata għandha tibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi l-Prosekuzzjoni rrimettiet ruħha għall-provi prodotti, fil-waqt illi d-difiża ppreżentat is-sottomissjonijiet tagħha bil-miktub[1].

**<u>Ikkunsidrat:</u>**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputata, <u>il-Prosekuzzjoni</u> ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. **Oriana Deguara**, Deputat Reġistratur, esebiet ħames proċessi verbali u ċioe`: (i) proċess verbal bin-numru 1019/2012 redatt mill-Maġistrat (illum Imħallef) Dr. Consuelo Scerri Herrera dwar **xhieda ġuramentata ta' Graziella Francalanza nhar is-6 ta' Novembru 2012** (Dok. OD 1)[2]; (ii) proċess verbal bin-numru 1102/2012 redatt mill-Maġistrat (illum Imħallef) Dr. Giovanni Grixti dwar **allegat traffikar ta' droga fil-bini tal-Qorti nhar il-5 ta' Novembru 2012** (Dok. OD 2)[3]; (iii) proċess verbal bin-numru 1020/2012 redatt mill-Maġistrat (illum Imħallef) Dr. Consuelo Scerri Herrera dwar **xhieda ġuramentata ta' Odette Ciantar nhar is-7 ta' Novembru 2012** (Dok. OD 3)[4]; (iv) proċess verbal bin-numru 1025/2012 redatt mill-Maġistrat (illum Imħallef) Dr. Miriam Hayman dwar **stqarrija ġuramentata ta' Loriana Abdilla nhar it-8 ta' Novembru 2012** (Dok. OD 4)[5]; u (v) proċess verbal bin-numru 1026/2012 redatt mill-Maġistrat (illum Imħallef) Dr. Miriam Hayman **dwar stqarrija ġuramentata ta' Philippa Attard nhar it-8 ta' Novembru 2012** (Dok. OD 5)[6].

2. **L-Ispettur Malcolm Bondin** jgħid illi fil-5 ta' Novembru 2012, il-Pulizija rċeviet informazzjoni minn ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin fis-sens illi ċertu Graziella Francalanza kienet ser tipprova tgħaddi xi droga lill-priġunier David Gatt magħruf bħala Gulia, li dakinhar stess kellu kawża l-Qorti quddiem il-Maġistrat (illum Imħallef) Dr. Edwina Grima. Ix-xhud jgħid illi dakinhar, is-seduta quddiem il-Maġistrat Grima kienet

[1] Ara a fol. 580 sa 582 tal-proċess.
[2] Ara a fol. 19 *et seq* tal-proċess.
[3] Ara a fol. 51 *et seq* tal-proċess.
[4] Ara a fol. 336 *et seq* tal-proċess.
[5] Ara a fol. 365 *et seq* tal-proċess.
[6] Ara a fol. 403 *et seq* tal-proċess.

seduta tal-kawżi tad-droga u huwa ta struzzjonijiet lill-Pulizija sabiex hekk kif jilmħu lil Graziella Francalanza, din tiġi mwaqqfa sabiex issir tfittxija fuq il-persuna tagħha. Jgħid illi kienu jafu wkoll illi dakinhar David Gatt kellu kawża quddiem il-Qorti. Fil-fatt l-imputata ġiet innutata dieħla u ġiet imwaqqfa minn WPS 237, li skortat lill-istess imputata ġewwa l-Għassa tal-Belt sabiex issirilha tfittxija. Hija kkoperat mal-Pulizija u kienet hi stess illi tathom id-droga li kellha moħbija fl-indumenti intimi tagħha, liema droga kienet eroina. L-imputata ġiet arrestata u ngħatat id-drittijiet tagħha. Ix-xhud ikompli jgħid illi qabel beda l-interrogatorju tagħha, daħlet ġewwa l-Għassa ċerta Odette Ciantar, akkumpanjata minn persuna oħra anzjana, u għaddiet lix-xhud qalziet tat-tip *combat pants*, fil-waqt li spjegat li kienet hi stess li tat l-informazzjoni lill-Pulizija illi l-imputata kellha tgħaddi d-droga. Odette Ciantar spjegat ukoll illi kien hemm xi droga moħbija fil-keffa tal-qalziet, fil-waqt illi wrietu illi fil-but kien hemm ħjata friska. Ix-xhud jgħid illi l-kulur tal-ħajt in kwistjoni ma kienx jaqbel. Jgħid ukoll illi saret inkjesta dwar il-każ u l-affarijiet in kwistjoni ġew fotografati u meħuda għall-analizi. Sussegwentement, l-imputata Graziella Francalanza rrilaxxjat stqarrija nhar is-6 ta' Novembru 2012 u dan wara li għażlet li ma tottjenix parir legali. Sussegwentement ingħatat il-*police bail* sabiex ikomplu l-investigazzjonijiet fil-konfront tal-persuni li semmiet Francalanza u hija rrilaxxjat stqarrija oħra nhar it-12 ta' Novembru 2012. Skont ix-xhud il-verżjoni tal-imputata ġiet korroborata wkoll minn Philippa Attard, Loriana Abdilla u Odette Ciantar, li ġew investigati u kkonfermaw l-istqarrijiet rispettivi tagħhom quddiem Maġistrat. Ix-xhud jgħid ukoll illi fil-frattemp huwa kompla bl-investigazzjonijiet u ottjena *recordings* ta' telefonati mill-ħabs li kkonfermaw ċerti pjanijiet u li fihom kienu jintużaw diversi kliem bħala kodiċi u dan biex ma jidhirx ċar dak li kienu qed jitkellmu dwaru. Ix-xhud esebixxa l-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputata nhar is-6 ta' Novembru 2012[7] u nhar it-12 ta' Novembru 2012 rispettivament[8].[9]

3. **WPS 237 Antonella Vella** xehdet illi fil-5 ta' Novembru 2012, waqt li kienet qegħda l-Qorti, barra mill-Awla, tistenna sabiex tixhed f'kawża li kienet ser tinstema' mill-Maġistrat, illum Imħallef, Dr. Edwina Grima, PS 1220 talab l-assistenza tagħha sabiex iwaqqfu lill-imputata stante li kien hemm suspett li din kienet ser tipprova tgħaddi xi droga lil xi ħadd li kellu jidher f'kawża presjeduta mill-Maġistrat Grima. Flimkien ma' PS 1220, ix-xhud waqqfet lill-imputata quddiem l-Awla numru 1 u ħaduha l-għassa tal-Belt sabiex issirilha *strip search*. Ix-xhud tgħid illi hekk kif kienet ser tibda t-tfittxija fuq il-persuna tal-imputata minnha u minn WPS 217, l-

---

[7] Ara a fol. 89 *et seq* tal-proċess.
[8] Ara a fol. 95 *et seq* tal-proċess.
[9] Ara din ix-xhieda a fol. 83 sa 88 tal-proċess.

istess imputata minn jeddha għaddiet lill-Pulizija borża b'sustanza supettata droga li kellha moħbija fil-*bra*. Din ġiet mgħoddija lill-Ispettur Malcolm Bondin u l-imputata ġiet arrestata.[10]

4. **Ix-Xjenzat Godwin Sammut,** maħtur fil-mori tal-inkjesta li saret dwar il-każ bħala espert forensiku, sabiex jagħmel l-eżamijiet meħtieġa fuq l-allegata droga u jirrelata lura bil-miktub, ikkonferma r-relazzjoni tiegħu esebita fil-proċess verbal esebit u mmarkat bħala Dok. OD 2.[11] Minn din ir-relazzjoni, jirriżulta illi huwa ngħata żewġ dokumenti għall-analizi tiegħu:

   a. *Evidence bag* bin-numru A02899873 li fiha kien hemm:

      i) Karta bil-kliem Data: 05/11/12 Ħin: 9:40AM Elevat/i minn fuq il-persuna fil-preżenza ta' Graziella Francalanza ID 495080(M) minn WPS 217, WPC 237 u tubu tal-plastik trasparenti li fih trab ta' lewn kannella u l-plastik li kien fih it-trab ta' lewn kannella.

   b. *Evidence bag* bin-numru D00174702 li fiha kien hemm:

      i) Qalziet ta' lewn kannella li fih kien hemm trab ta' lewn kannella fil-keffa tal-but ta' fuq il-koxxa tax-xellug (fuq quddiem).

   L-istess espert ikkonkluda hekk dwar dawn id-dokumenti:

   a) Illi fl-estratti meħuda mit-trab ta' lewn kannella nstabet is-sustanza **Eroina**. Il-piż tat-trab li kien hemm fid-dokument indikat fil-paragrafu a) *supra* kien ta' 0.81 grammi u l-purita` tat-trab kien ta' ċirka 32%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

   Mill-istess relazzjoni jirriżulta wkoll illi t-trab kontenenti l-eroina indikat fil-paragrafu b) *supra* kien konsistenti fi traċċi.[12]

5. **WPS 217 Alison Formosa** tixhed illi fil-5 ta' Novembru 2012 l-imputata ttieħdet ġewwa l-Għassa tal-Belt skortata minn WPS 237 u PS 1220 sabiex issirilha tfittxija. Hija tgħid illi hija kienet preżenti għall-istess tfittxija, waqt li din saritilha minn WPS 237. Hekk kif kienet ser tibda t-tfittxija fuq

[10] Ara din ix-xhieda a fol. 98 u 99 tal-proċess.
[11] Ara din ix-xhieda a fol. 101 u 102 tal-proċess.
[12] Ara din ir-relazzjoni a fol. 72 sa 81 tal-proċess.

il-persuna tagħha, l-imputata minn jeddha ħarġet borża li fiha kien hemm sustanza kannella minn ġol-*bra*.[13]

6. **Dr. Stephen Farrugia Sacco** maħtur fil-mori tal-inkjesta dwar dan il-każ bħala espert tekniku sabiex janalizza l-*mobile phones* u l-informazzjoni kollha li jikkontjenu in konnessjoni ma' dan il-każ, kif ukoll sabiex jottjeni l-informazzjoni kollha meħtieġa mis-*service providers*[14], esebixxa r-relazzjoni tiegħu.[15] Mill-istess relazzjoni jirriżulta illi huwa ġie mogħti s-segwenti għall-analizi tiegħu ossia i) *mobile phone* tal-għamla Samsung mudell Wave 3 li fih kellu SIM card tal-kumpanija Melita; ii) *mobile phone* tal-għamla *Sony Ericsson* mudell J108i, li fih kellu SIM card tal-kumpanija Melita; u iii) *mobile phone* tal-għamla Nokia mudell 1110i li fih kien hemm SIM card tal-kumpanija Vodafone Malta. Fil-waqt illi l-ewwel żewġ *mobile phones* ġew mgħoddija lill-espert mill-Ispettur Malcolm Bondin, it-tielet wieħed ġie mgħoddi lilu minn PS 644 Evan Camilleri, fil-bini tad-Dipartiment tal-Investigazzjonijiet Kriminali, il-Furjana.[16]

7. **PS 1220 Chris Baldacchino** jixhed illi fil-5 ta' November 2012 il-Pulizija rċeviet informazzjoni li ċertu Graziella Francalanza kienet ser iddaħħal xi droga ġewwa l-Qorti. Huwa jgħid li flimkien ma' WPS 237, huma waqqfu lill-imputata fejn l-Awla numru 1 ġewwa l-bini tal-Qorti u ħaduha l-għassa tal-Belt sabiex issir tfittxija fuq il-persuna tagħha. L-imputata minn jeddha għaddiet lill-Pulizija borża bi trab kannella.[17]

8. **PS 612 Theo Vella** u **PS 644 Evan Camilleri** nominati fl-atti tal-inkjesta bħala *Scene of the Crime Officers* esebew ir-relazzjoni tagħhom.[18] Mill-istess relazzjoni jirriżulta illi huma ġew imsejjħa mill-Ispettur Malcolm Bondin sabiex jaċċedu ġewwa l-uffiċċju tiegħu fil-Furjana, u hemmhekk fil-presenza ta' Odette Ciantar, ġie indikat lilhom, mill-Ispettur Malcolm Bondin, qalziet ta' lewn kannella li fil-but tiegħu kien hemm xi sustanza suspettata llegali. Mill-istess relazzjoni jirriżulta wkoll illi huma nnutaw illi l-ħjata tal-but kienet tidher differenti mill-bqija tal-ħjata. Hekk kif infetħet biċċa minn din il-ħjata, mill-ewwel deher li kien hemm xi trab ta' lewn kannella. Ir-relazzjoni tgħid ukoll illi l-Ispettur Bondin indikalhom ukoll borża tal-plastik b'*label* b'xi dettalji fuqha, li fiha kien hemm qartas b'sustanza b'lewn kannella. Dawn l-oġġetti tqiegħdu f*'evidence bags* u ġew fotografati u sussegwentement mgħoddija lill-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut. Mill-istess relazzjoni jirriżulta wkoll illi nhar l-10 ta'

[13] Ara din ix-xhieda a fol. 103 u 104 tal-proċess.
[14] Ara d-digriet tan-nomina tal-espert Dr. Steven Farrugia Sacco, a fol. 60 tal-proċess.
[15] Ara a fol. 107 u 108 tal-proċess.
[16] Ara r-relazzjoni esebita bħala Dok. SFS a fol. 109 sa 331 tal-proċess.
[17] Ara din ix-xhieda a fol. 332 u 333 tal-proċess.
[18] Ara a fol. 448 u 449 tal-proċess.

Novembru 2012, l-istess PS 612 u PS 644 ġew infurmati mill-Ispettur Malcolm Bondin illi ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta’ Kordin, kien hemm *mobile phone* fil-pussess ta’ PC 1491 G. Demanuele (stazzjonat fl-istess Faċilita`), liema *mobile phone* allegatament intuża fil-każ odjern u għaldaqstant, dakinhar stess huma aċċedew fl-istess Faċilita` u ġew mgħoddija l-istess *mobile phone* tal-marka Nokia, b’żewġ *wires* ħerġin minnu għal ġo pakkett imdawwar bit-*tape* li x’aktarx kien fih *batteries*. Dan il-*mobile phone* ingħata lil Dr. Steven Farrugia Sacco għall-analiżi tiegħu.[19]

9. **ASCO Clint Zahra** esebixxa *recordings* ta’ telefonati li saru mill-priġunieri Gilbert Busuttil, David Gatt u Janis Caruana bejn l-1 ta’ Ottubru 2012 u s-7 ta’ Novembru 2012.[20]

10. **Odette Scicluna** eżerċitat id-dritt tagħha li ma tinkriminax ruħha stante illi kellha proċeduri pendenti fil-konfront tagħha u għaldaqstant, għażlet li ma tixhidx f’dawn il-proċeduri.[21]

11. **Josephine Agius**, Deputat Reġistratur, esebiet proċess verbal redatt mill-Maġistrat (illum Imħallef) Dr. Edwina Grima dwar **xhieda ġuramentata ta’ Domenic Cuschieri nhar il-11 ta’ Novembru 2012**.[22]

    Jirriżulta mill-atti tal-istess proċess verbal illi nhar l-10 ta’ Novembru 2012, **Domenic Cuschieri** irrilaxxja stqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva. Huwa jgħid illi huwa magħruf bħala ‘l-Baqqun’ u li ħareġ mill-ħabs fl-1 ta’ Novembru 2012. Jgħid illi huwa kien weħel tliet snin ħabs, li minnhom għamel sentejn, fuq serq b’kawża tad-droga. Jgħid ukoll illi sakemm kien qiegħed jiskonta s-sentenza tiegħu, huwa ġie rikoverat l-isptar diversi drabi; darbtejn minnhom b’rabta ma’ problemi fi griżmejh, waqt illi f’sitt okkażjonijiet oħra b’rabta ma’ problemi tal-qalb. Mistoqsi kienx jaf lil Gilbert Busuttil, lil David Gatt u lil Janis Caruana, huwa jgħid illi kollha kien jafhom; lil Gilbert sar jafu ġewwa Diviżjoni 2, lil Janis kien ilu jafu u lil Gulia (ossia David Gatt) sar jafu fid-Diviżjoni 6. Jgħid ukoll illi għall-ħabta ta’ Ottubru tas-sena 2012, kien avviċinah Gilbert u staqsieh jekk kienx interessat li jdaħħlu xi droga ġewwa l-ħabs. Kien wegħdu illi jekk idaħħlu d-droga, huwa jagħtih nofsha. Jgħid in oltre illi dan Gilbert kien qallu biex jilgħabha tal-muġugħ u b’hekk jiġi rikoverat l-isptar, u illi hu (ossia Gilbert) kien ser jibgħat mara biex tagħtih id-droga l-isptar. Jgħid

[19] Ara din ir-relazzjoni esebita bħala Dok. TV a fol. 449A tal-proċess.
[20] Ara din ix-xhieda a fol. 450 u 451 tal-proċess u ‘Dok. CZ’ a fol 451A konsistenti fi 3 CD’s u dokumenti li jindikaw meta u minn min saru t-telefonati, kif ukoll għal-liema numri.
[21] Ara din ix-xhieda a fol. 453 u 454 tal-proċess.
[22] Ara a fol. 460 *et seq* tal-proċess.

illi huwa fil-fatt mar l-isptar u kif miftiehem marret iżżuru ċerta Odette mingħalih, li kienet f'relazzjoni ma' Gilbert, u għaddietlu l-eroina li kienet fil-plastik u dan billi din marret ħdejh u għaddithielu fejn idu u huwa ħatafha. Meta din telqet minn ħdejh, hu mar it-*toilet* u ħeba d-droga fil-warrani tiegħu. Xi jumejn wara ġie rilaxxjat mill-isptar u ttieħed lura ġewwa l-Faċilita` Korrettiva. Jgħid illi meta kien hemm hu pporga d-droga u mar għaddiha lil Gilbert u talbu jagħtih sehmu, iżda kull ma ħa kienu erba' linji duħħan għax Gilbert ħaraq ftit miegħu.

Jgħid ukoll illi madwar tlett ijiem wara, mar fuqu Gulia fid-Diviżjoni 6 u talbu sabiex jerġa' jmur l-isptar fejn kellha tmur tarah tfajla li kellha tagħtih madwar erba' grammi eroina, kif ukoll illi kien ser jaqsamha miegħu. Jgħid illi huwa aċċetta u reġa' għamel ta' bir-ruħu li ħass xi uġigħ f'qalbu sabiex jerġa' jiġi rikoverat l-isptar. F'Ottubru 2012, meta kien fadallu xi ġimgħa u nofs, waqt li kien qiegħed l-isptar, marret tarah tfajla qasira li ħaditlu basket b'xi affarijiet bħal pakkett *juice* u sigaretti u magħhom sab bħal forma ta' kaxxa żgħira mgeżwra fit-*tape* iswed. Hekk kif sabha, mar it-*toilet*, daħħalha fil-warrani tiegħu u reġa' mar lura fis-sodda. Wara ftit reġgħet marret tarah l-istess tfajla flimkien mat-tfajla ta' Gilbert, staqsewh jekk kienx kollox sew u telqu. Madwar jumejn wara, kienu niżluh f'sala isfel u marru jarawh it-tfajla li kienet għaddietlu d-droga, it-tfajla ta' Gilbert u tfajla oħra twila u magħluba li baqgħet lura. It-tfajla li għaddietlu d-droga u t-tfajla ta' Gilbert qalulu biex imur lura l-ħabs għaliex Gilbert u David kienu *sick* mejta. L-għada Cuschieri ffirma biex joħroġ mill-isptar u mar lura l-ħabs. Daħal lura fiċ-ċella, ipporga d-droga u għaddiha lil Gulia. Dan qallu li kien ser ikellmu, iżda qatt ma mar u qatt ma tah xejn. Spjega illi meta rrefera għal Gulia, kien qed jirreferi għal David, li huwa magħruf bil-laqam ta' Gulia. Huwa ma kienx jaf x'sar minnha d-droga li kien għaddha lil David. Għalkemm kellmu dwar il-fatt li ma kien tah xejn minnha, David kien jgħidlu "*ssa naraw, ssa naraw*", iżda qatt ma tah xejn. Jgħid illi ma jafx minn fejn David u Gilbert kienu qed iġibu d-droga li ġiet mgħoddija lilu l-isptar, stante li ma qalulux u miegħu ftiehmu biss li huwa kellu jmur l-isptar u li kienu ser jagħtuh ftit minnha. Jgħid illi huwa aċċetta li jdaħħlilhom id-droga ġewwa l-ħabs għaliex kien jitħassarhom u li ma qala' xejn ta' dan, ħlief illi pejjep ftit eroina ma' Gilbert fiċ-ċella tiegħu. Huwa żied jgħid illi Janis Caruana ma kienx involut fil-biċċa, biss huwa kellu *mobile phone* li kien isellfu lil Gilbert u lil David.[23]

Jirriżulta wkoll mill-atti tal-istess proċess verbal illi nhar il-11 ta' Novembru 2012, wara li ngħata s-solita twissija skont il-liġi, kif ukoll id-dritt li jottjeni parir legali, liema dritt huwa għażel li ma jeżerċitahx, l-istess

[23] Ara a fol. 468 sa 470 tal-proċess.

**Domenic Cuschieri** ikkonferma l-istqarrija tiegħu bil-ġurament. In oltre żied jgħid illi lil Gilbert sar jafu l-ħabs madwar ħames xhur qabel, fil-waqt illi lil Gulia ossia lil David Gatt kien jafu minn barra, għalkemm qatt ma kien kellmu. Beda jkellmu fil-ħabs stante li kien introduċihulu Gilbert. Jgħid ukoll illi stante li diġa` kien mar l-isptar għal Gilbert sabiex iġiblu d-droga, David Gatt talbu sabiex jagħmel l-istess għalih. Apparti dawn iż-żewġ okkażjonijiet, dawn qatt ma kellmuh fuq droga, u qatt ma rahom b'xi droga fil-ħabs. Muri sett ta' disa' ritratti li fihom jidhru diversi nisa, huwa għaraf lil Odette Ciantar bħala dik li fl-istqarrija tiegħu, huwa rrefera għaliha bħala "*l-poġġuta ta' Gilbert*". Muri sett ieħor ta' disa' ritratti li fihom ukoll jidhru diversi nisa, huwa għaraf lil Graziella Francalanza bħala t-tfajla li għaddietlu d-droga għan-nom ta' David Gatt u muri sett ieħor ta' disa' ritratti, huwa għaraf lil Philippa Attard bħala t-tfajla twila u magħluba, li kienet marret l-isptar maż-żewġ tfajliet l-oħra. F'settijiet ta' ritratti oħrajn murija lilu, ix-xhud għaraf ukoll lil Janis Caruana, lil David li jafu bħala l-Gulia u lil Gilbert Busuttil.[24]

12. L-istess **Domenic Cuschieri** li fil-konfront tiegħu kienu ġew konklużi l-proċeduri konnessi ma' dan il-każ, xehed fil-mori ta' din il-kawża fis-seduta tat-8 ta' Ġunju 2015. Huwa jgħid illi fis-sena 2012 waqt illi kien qiegħed jiskonta sentenza ta' priġunerija ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin, beda jmur l-isptar sabiex b'hekk ikun jista' jdaħħal id-droga ġewwa l-ħabs. Bejn Jannar u April tas-sena 2012 kien jinsab f'Diviżjoni 2 jew 3, għalkemm ma kienx ċert minn dan, u fil-ħabs miegħu kien hemm ċerti Gilbert u wieħed magħruf bħala Gulia, li ismu ma kienx jafu. Magħhom, huwa ftiehem sabiex jibdew idaħħlu d-droga ġewwa l-ħabs sabiex jikkonsmawha flimkien. Jgħid illi ftehmu għalhekk illi huwa (ossia x-xhud) kellu jmur l-isptar, u li mbagħad kellha tmur tfajla u din tagħtih id-droga. Jgħid illi ma jafx x'kien jisimha din it-tfajla, iżda jekk jaraha jagħrafha. Il-ftehim mat-tfajla sar kollu minn Gilbert u Gulia u hu ma kienx involut f'dan il-ftehim. Meta sar il-ftehim Gilbert u Gulia qalulu b'dak li kien ser isir u li t-tfajla li kellha tgħaddilu d-droga kienet qasira b'xagħarha twil. Jgħid illi huwa mar l-isptar wara li qal li kellu xi uġigħ f'qalbu anki għaliex huwa kien verament ibati minn problemi tal-qalb, u l-isptar kienu jżommuh. Dan kien għall-ħabta ta' April 2012. Mingħalih li kien qed jinżamm fis-sala l-blu. Madwar jumejn wara li ddaħħal l-isptar, marret iżżuru tfajla li għaddietlu d-droga. Jgħid illi tatu pakkett li kien imgeżwer fit-*tape* u dan il-pakkett ħadu lura miegħu l-ħabs. Ix-xhud indika lill-imputata bħala t-tfajla li kienet għaddietlu dan il-pakkett ġewwa l-isptar. Wara żied jgħid illi kienu tnejn it-tfajliet li kienu marru jżuruh l-

[24] Ara a fol. 485 sa 487 tal-proċess.

isptar u kienu flimkien meta għaddewlu d-droga. Fi kliemu, "*Qishom t-tnejn li huma tawhieli ghax it-tnejn kienu flimkien.*"[25]

Meta saret lilu referenza għall-istqarrija rilaxxjata minnu lill-Pulizija, li kif ingħad ġiet ikkonfermatha minnu bil-ġurament quddiem il-Maġistrat tal-Għassa, fejn huwa kien tkellem dwar żewġ okkażjonijiet li fihom id-droga kienet ġiet mgħoddija lilu waqt li kien rikoverat l-isptar, Cuschieri jgħid ukoll illi mingħalih li l-imputata kienet għaddietlu d-droga fl-ewwel okkażjoni u li kienet marret biss darba. Sussegwentement madankollu huwa jgħid illi l-imputata għaddietlu d-droga fiż-żewġ okkażjonijiet. In oltre huwa reġa' kkonferma l-istqarrija tiegħu bil-ġurament. Aktar tard, muri r-ritratt tal-imputata, huwa jgħid illi mhux ċert jekk marritx l-isptar darba jew darbtejn, iżda darba marret żgur u li huwa kien ċert minn dan.

**In kontro-eżami** xehed illi ma jafx jekk l-imputata marritx biss darba, għalkemm jista' jkun. Jgħid ukoll illi l-pakkett li ngħata lilu kien fit-*tape* u ma setax jara x'kien fih. Jgħid ukoll illi kienu żewġ tfajliet li marru jżuruh u ma jiftakarx min minnhom għaddielu l-pakkett f'idejh. Jgħid ukoll illi ma jiftakarx jekk is-sala illi fiha kien rikoverat kinitx il-blu, iżda kien qiegħed f'sala normali u ħdejh kien hemm nies oħra li ma kinux il-ħabs.

**In ri-eżami** Cuschieri xehed illi huwa kellu skorta miegħu sakemm dam l-isptar, iżda meta marru jżuruh it-tfajliet, l-iskorta ma kienx fis-sala.[26]

**Fix-xhieda ulterjuri tiegħu in kontro-eżami** Cuschieri jgħid illi lill-imputata kien kellimha waqt li kien l-isptar. Hu qatt ma kien preżenti jew sema' lil xi ħadd jiftiehem magħha. Ikkonferma illi huwa seta' biss jitkellem dwar dak li qal lilu ħaddieħor dwar il-ftehim li semma'. Jgħid illi l-pakkett li ġie mgħoddi lilu kien imgeżwer sewwa fit-*tape*, u minn barra ma kienx jidher x'kien fih iżda "*Jien kont naf li ghalija kienet droga*".[27] Jerġa' jgħid illi fejn kien jinsab hu ġewwa l-isptar, mingħalih li kien hemm persuni oħrajn li ma kinux mill-ħabs.[28]

13. **Philippa Attard** xehdet f'dawn il-proċeduri fit-12 ta' Mejju 2014.

Fl-istqarrija tagħha lill-Pulizija Eżekuttiva tas-7 ta' Novembru 2012, liema stqarrija ġiet sussegwentement konfermata minnha bil-ġurament quddiem il-Maġistrat (illum Imħallef) Dr. Miriam Hayman nhar it-8 ta' Novembru

---

[25] Ara a fol. 543 tal-proċess.
[26] Ara din ix-xhieda a fol. 533 sa 555 tal-proċess.
[27] Ara a fol. 574 tal-proċess.
[28] Ara din ix-xhieda a fol. 573 sa 576 tal-proċess.

2012, **Philippa Attard** tgħid illi fl-4 ta' Novembru 2012, hija kienet marret tara lil David Gatt ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordinu u dan talabha sabiex l-għada, it-Tnejn, hija teħodlu l-eroina l-Qorti. Tgħid illi huwa bgħatha Ħal Qormi u minn hemm xtratlu gramma eroina. Dakinhar stess, waqt illi kienet qegħda d-dar tagħha flimkien ma' Graziella (b'referenza għal Graziella Francalanza), ċemplilha David Gatt fuq it-telefon tad-dar u kellem lil Graziella u talabha sabiex it-Tnejn takkompanjaha (ossia lil Attard) il-Qorti. Sadanittant la hi u lanqas Graziella ma kienu ċerti li kienu sejrin il-Qorti, iżda meta tkellmu t-Tnejn filgħodu ftehmu li jmorru flimkien u daħlu l-Belt bil-karozza ta' Graziella. Hi għadditilha l-eroina u ftehmu bejniethom li kienet ser iddaħħalha Graziella, għaliex hi bdiet tibża'. X'ħin waslu l-Qorti, hija daħlet qabel Graziella, fil-waqt li Graziella marret tipparkja. Tgħid illi hekk kif Graziella daħlet fil-bini tal-Qorti, hija qaltilha sabiex ma toqgħodx qrib tagħha u dan għaliex il-Pulizija kienu jafuha ma' David Gatt. Tgħid ukoll illi mbagħad rat lill-Pulizija jagħmlu tfittxija fuq Graziella u fil-frattemp hija ġiet imsejjħa tidħol fl-Awla quddiem il-Maġistrat Dr. Edwina Grima, stante li kellha kawża. Waqt li kien għaddej dan kollu, Gatt kien għadu fil-*lock up* tal-Qorti u ttella' fl-Awla ftit tal-minuti wara, meta hija qaltlu li Graziella nqabdet mill-Pulizija. Tispjega illi hija kienet ilha f'relazzjoni ma' David Gatt għal għaxar snin u li matul dawk l-aħħar erba' snin, huma kienu qed jgħixu flimkien fl-appartament tagħha ġewwa l-Gżira. Tgħid illi Gatt beda jiskonta sentenza ta' priġunerija fit-28 ta' Settembru 2012 u illi beda jċemplilha mill-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin u jibgħatha għand diversi nies sabiex tħallas il-flus għad-droga. Tgħid illi hija kienet biss tħallas u ma tafx kif kienet tasal id-droga għand Gatt ġewwa l-ħabs. Tgħid illi sa dakinhar kien bagħtha darbtejn; darba kienet ħallsitlu mija u ħamsin ewro (€150) Ħal Qormi u darb'oħra xi sebgħin ewro (€70) il-Gżira. Dawn il-flus ħallsithom xi tliet ġimgħat qabel.

Tgħid ukoll illi fit-3 ta' Novembru 2012, Gatt ċemplilha u qalilha biex tgħaddilu xi ħaġa ma' Odette li kellha viżta ma' Gilbert Busuttil. Hija ċemplet lil Graziella, u din marret għandha, u dak il-ħin lil Graziella ċemplilha Gilbert li talabha biex taħbi l-eroina f'qalziet. Tgħid illi hija qabdet qalziet ta' David Gatt u flimkien ma' Graziella, ħbew id-droga fil-keffa tal-but tal-qalziet. Tgħid illi ġo dan il-qalziet tefgħu żewġ pakketti li kienu għal Janis, li kienet tathomlha Loriana xi żmien qabel għax Loriana, Graziella u Odette kemm il-darba ppruvaw jgħaddulhom id-droga u ma rnexxielhomx. Tgħid in oltre illi hija kellha ftit eroina d-dar u tefgħetha magħhom. Graziella ħietet il-keffa u għaddiet il-qalziet lil Odette. Aktar tard ċemplilha David mill-ħabs u qalilha li l-qalziet ma kienx wasal għand Gilbert. Tgħid illi sakemm kien il-ħabs, hija ħalliet madwar mitejn u ħamsin ewro (€250) il-ħabs lil Gatt, iżda ma tafx għaliex kien qed juża l-

flus. Tgħid ukoll illi Gatt kien iċemplilha min-numru tal-ħabs, iżda għamel ħabta kien iċemplilha minn fuq xi numru ta' *mobile*. Apparti Gatt, dan l-aħħar kien qed iċemplilha wkoll Janis u ġieli kellimha Gilbert. Tgħid illi dawn kienu jċemplulha għaliex kien iqabbadhom David u li kienu jitolbuha sabiex tħallas lin-nies jew inkella biex tgħaddilhom id-droga bħal l-okkażjoni tal-qalziet. Dawn kienu jgħidulha li kienu jkunu *sick*. Hija tgħid ukoll illi taf li Gilbert kien qiegħed ma' Odette u li kien fid-Diviżjoni 6 ma' David u li kienu saru ħbieb, iżda hija ma kinitx tafu minn wiċċu. Lil Janis ma kinitx tafu imma kienet taf li qiegħed ftit ma' Loriana. Tgħid ukoll illi lil Graziella kienet saret tafha għax kien bgħatha David u li saret ħabiba tagħha f'dawk l-aħħar tliet ġimgħat u minn hemm hekk, tramite Graziella, saret taf lil Odette u lil Loriana. Tgħid illi David, Gilbert u Janis kienu qegħdin jippruvaw jagħmlu minn kollox sabiex idaħħlu d-droga ġewwa l-ħabs. Hija kienet taf b'dan għaliex kienet tisma' kemm mingħand Gatt, kif ukoll mingħand Graziella u Odette.

Spjegat illi darba minnhom Graziella u Odette kienu marru l-Qorti sabiex jgħaddu xi droga lil Gilbert li kellu l-Qorti. Kienet Graziella li kienet qaltilha b'dan. Ġara pero` li nqala' argument għaliex omm Gilbert indunat li kienu ser jgħaddulu d-droga. Għalhekk dakinhar id-droga baqgħet m'għaddietx lil Gilbert.

Hija tgħid ukoll illi għalkemm Graziella u Odette kienu ser jiftehmu biex jagħtuha xi flus biex tmur tixtrilhom id-droga, hija ma marritx.

Tgħid in oltre illi David kien ċemplilha u qalilha li kien hemm ftehim bejniethom sabiex ċertu Duminku jmur l-isptar u illi hi kellha tmur tħallilu l-eroina miegħu. Hija rrifjutat li tagħmel dan u Graziella aċċettat li tmur hi. Tgħid illi hija marret fis-sala ma' Graziella, u ħarġet, iżda Graziella daħlet u ħalliet id-droga fit-*toilet*. Tgħid illi marru lura d-dar, iżda beżgħu li Duminku ma qamx għad-droga għax rawh qisu mejjet, u għalhekk Graziella ipproponiet li jerġgħu imorru lura l-isptar sabiex jiċċekkjaw jekk id-droga nġabritx. Tgħid illi hija beżgħet u baqgħet tistenna lil Graziella fil-karozza u wara din qaltilha li kienet tat id-droga lil Duminku f'idu stess. Id-droga li ngħatat lil Duminku kienet ġabitha hi dakinhar stess filgħodu u dan wara li Gatt kien bgħatha tiltaqa' ma persuna li għaddielha boċċa sewda. Tgħid illi kien Gatt stess li qalilha li din kienet eroina. Tgħid illi hija ma kinitx taf min ħallas għaliha iżda taf li kienet għal David, Janis u Gilbert. Tgħid illi hija għaddiet id-droga lil Graziella fiż-żewġ okkażjonijiet li semmiet biss: darba għadditilha gramma u darb'oħra għadditilha d-droga sabiex l-imputata tgħaddiha l-isptar. Sakemm Gatt kien għad kellu *mobile phone* disponibbli ġewwa l-Faċilita` Korrettiva, huwa kien juża dik il-linja sabiex jikkomunika magħha biex fost l-oħrajn

ikun jista' jitkellem ċar magħha dwar id-droga. Tgħid illi ta' dan kollu hija ma qalgħet xejn, iżda anzi ħarġet il-flus u għamlet dan għaliex tħobb lil David.[29]

Fix-xhieda tagħha quddiem il-Maġistrat Dr. Miriam Hayman, l-istess **Philippa Attard** ikkonfermat din l-istqarrija tagħha bil-ġurament, fil-waqt li żiedet tgħid illi Graziella kienet qaltlilha dwar inċident ieħor fejn Graziella kienet għaddiet xi ħaġa lil Gilbert fil-waqt illi bisitu. Dan kien seħħ madwar ġimgħatejn u nofs qabel, waqt illi Graziella marret iżżur lil Gilbert ġewwa l-Faċilita` Korrettiva. Murija sett ta' ritratti ta' diversi nisa, immarkat bħala Dok. MB2, hija għarfet lil Graziella fuq wieħed minn dawn ir-ritratti.[30]

14. Fix-xhieda tagħha f'dawn il-proċeduri fit-12 ta' Mejju 2014, wara li tikkonferma li l-każ fil-konfront tagħha kien ġie deċiż, **Philippa Attard** tgħid illi hija damet disa' snin f'relazzjoni ma' David Gatt. Fil-5 ta' Novembru 2012 David Gatt kien qiegħed jiskonta sentenza ta' priġunerija l-ħabs. Tgħid illi David Gatt kien iċemplilha minn ġewwa l-ħabs u meta ma kienx iċemplilha hu, kienu jċemplulha sħabu Janis jew Gilbert, li kienu l-ħabs ma' Gatt u jgħidulha biex tixtri l-eroina għal David u lil min għandha tgħaddiha. Tgħid ukoll illi fil-5 ta' Novembru 2012, hija għaddiet id-droga lil Graziella, l-imputata odjerna. Fil-għodu qabel il-Qorti, iltaqgħu d-dar ta' Graziella u hija tatha d-droga sabiex tgħaddiha lil David. Tgħid illi hi (ossia x-xhud) kienet xtrat l-eroina qabel. Dakinhar David kellu jitla' l-Qorti u għalhekk hi u l-imputata marru l-Qorti u fi kliemha "*gara li gara*" fis-sens illi "*gew fuqha*". Iżjed tard tispjega illi daħlu l-Qorti u lill-imputata saritilha tfittxija barra l-awla tal-Maġistrat Dr. Edwina Grima. Tgħid illi d-droga ma riditx tgħaddiha lil David hi, għaliex beżgħet li tinqabad. Graziella u David kienu jikkomunikaw bejniethom ukoll. Tgħid illi David kien ikun *sick* meta kien iċemplilha u kien jitlobha biex tixtrilu d-droga. Peress illi kien ikun qiegħed iċempel mill-ħabs, huwa ma kienx jitkellem ċar u tond, iżda hi kienet tifhmu meta kien jirreferi għad-droga. Tgħid illi ma tiftakarx id-diskors eżatt illi kien jgħidilha David Gatt. Lil Graziella saret tafha ftit xhur qabel tramite David, meta dan kien diġa` l-ħabs, u saru ħbieb. Hi u Graziella kienu jitkellmu bejniethom bit-telefon jew inkella kienu jmorru d-dar ta' xulxin.

Attard tirreferi wkoll għal okkażżjoni oħra qabel il-5 ta' Novembru 2012, meta hi ġabret id-droga mingħand persuna, li mingħaliha kien qalilha biha David, u illi hija għaddiet din id-droga x'aktarx lil Graziella. Għalkemm ma kinitx ċerta li kienet għaddietha lilha, hija tgħid illi tkellmet dwar dan

29 Ara a fol. 413 sa 416 tal-proċess.
30 Ara a fol. 431 sa 445 tal-proċess.

fl-istqarrija tagħha. Tgħid li marret l-isptar iżda mbagħad niżlet isfel, li marru jaraw lil persuna maskili li nsiet x'kien jismu jew il-laqam tiegħu, imma kellu mnieħru kbir, u li huma kellhom jagħtu d-droga lil dak li kien l-isptar, sabiex hu jgħaddiha lil David, lil Janis u lil Gilbert. Da parti tagħha din kienet l-unika darba li hija akkwistat id-droga sabiex din tiġi mgħoddija l-isptar. Tgħid ukoll illi fit-3 ta' Novembru, David Gatt kien ċemplilha u talabha tpoġġi d-droga f'qalziet. Id-droga kienet xtratha hi, użaw qalziet ta' David u mbagħad marret Graziella u poġġiet id-droga fil-keffa billi ħietet il-keffa u wara Graziella għaddiet il-qalziet lil Odette. Tgħid illi dan kollu sar ġewwa d-dar tagħha (tax-xhud). Tgħid in oltre illi dak iż-żmien, David kien il-ħabs u Janis u Gilbert kienu fl-istess diviżjoni miegħu. Dawn kienu jċemplulha sabiex hi tixtri d-droga u tgħaddiha sabiex tasal għandhom għax kienu jkunu *sick*. Anke lil Graziella kienu jċemplu għaliex David kien ikellem lil Graziella wkoll. Tgħid ukoll illi kienu nvoluti wkoll Odette li kienet toħroġ ma' Gilbert u Loredana Abdilla li kienet toħroġ ma' Janis.

Ix-xhud ikkonfermat il-firem tagħha fuq l-istqarrija rilaxxjata minnha, ftakret li kkonfermatha bil-ġurament u reġgħet ikkonfermat l-istess stqarrija tagħha.[31]

**In kontro-eżami Philippa Attard** tixhed illi David Gatt kien insistenti ħafna u meta ssuġġerit lilha illi huwa kellu ċertu kontroll fuq diversi persuni ta' sess femminili, hija twieġeb "*Jaf kif imur hux*"[32] u li kienet taf il-karattru tiegħu għax kienet ilha miegħu għaxar snin. Tikkonferma li fl-istess żmien, huwa kien jikkomunika ma' nisa oħrajn u li wara li Gatt daħal il-ħabs, saret taf mingħandu stess illi kien jaf lill-imputata. Kienet taf b'xi Graziella, iżda saret tafha meta Gatt kien il-ħabs. Ikkonfermat ukoll illi apparti Grazielle u Odette, kien ikun hemm pressjoni anke fuq nies oħrajn sabiex dawn jgħinuh fil-problemi tiegħu. B'referenza għall-qalziet li ssemmi fix-xhieda tagħha, hija tgħid illi dan ġie mgħoddi lil Odette, iżda ma tafx x'ġara minnu wara, għalkemm kien intiż biex jidħol il-ħabs. Dwar dan tgħid ukoll illi ma kinitx l-imputata li ħaditu l-ħabs. Tgħid ukoll illi dak iż-żmien hija kienet tieħu d-droga, li moħħha ma kienx hemm u taf ukoll illi David Gatt kien ikellem lil nisa oħrajn. Ma kinitx temmen li kien qed jaqlibilha, għalkemm wara rriżulta xort'oħra, imma kienet taf li kien ikellem lil tfajla oħra. Tgħid ukoll illi għalkemm kien hemm nisa li kienu jaqgħu għalih, ma kinitx taf tgħid jekk kienx minnu dak suġġerit lilha u ċioe` illi Gatt kien jagħti d-droga lil diversi nisa sabiex ikun jista'

[31] Ara din ix-xhieda a fol. 496 sa 516 tal-proċess.
[32] Ara a fol. 559 tal-proċess.

jikkontrollahom. Tikkonferma madankollu illi hija kienet waqgħet fil-vizzju tad-droga u dan fiż-żmien meta kienet miegħu fix-xena tad-droga.[33]

15. **Loriana Azzopardi** eżerċitat id-dritt tagħha li ma tinkriminax ruħha stante illi kellha proċeduri pendenti fil-konfront tagħha u għaldaqstant, għażlet li ma tixhidx f'dawn il-proċeduri.[34]

**Ikkunsidrat:**

Fl-ewwel lok, irid jingħad illi għalkemm fis-seduta tad-29 ta' Frar 2016, l-avukat difensur talab lill-Qorti sabiex tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga, għal-liema l-Prosekuzzjoni oġġezzjonat u dan stante illi skont l-istess Prosekuzzjoni mill-atti proċesswali jirriżultaw okkażjonijiet li fihom l-imputata daħħlet id-droga l-ħabs, jidher mill-atti illi d-difiża ma baqgħetx tinsisti fuq din it-talba tagħha, tant illi fis-seduta tal-14 ta' Diċembru 2017, iddikjarat illi l-imputata ma kinitx ser tixhed f'dawn il-proċeduri u illi ma kellhiex iżjed provi xi tressaq. Il-kawża mbagħad baqgħet differita għat-trattazzjoni finali, sakemm fis-seduta sussegwenti tat-23 ta' April 2018, l-avukat difensur talab illi jippreżenta nota ta' sottomissjonijiet bil-miktub, liema talba ġiet milqgħuha mill-Qorti.

Il-Qorti sejra l-ewwel tagħmel il-kunsiderazzjonijet tagħha dwar l-ewwel punt imqajjem mid-difiża fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, liema punt huwa wieħed ta' natura proċedurali.

Dan jirrigwarda l-fatt illi l-imputazzjonijiet odjerni jirreferu għall-"5 *ta' Novembru u fil-gimghat ta' qabel din id-data*", mingħajr ma jirreferu għas-sena. Fin-nota tagħha, imbagħad, id-difiża ssostni illi huwa essenzjali illi d-data tal-akkuża tkun preċiża, kompleta u konnessa mal-fatti, tindika raġunijiet għal dan, fosthom il-preskrizzjoni, u tirreferi għal numru ta' sentenzi ossia **Il-Pulizija vs John Mary Briffa**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' Ottubru 2005, **Il-Pulizija vs Andre Falzon**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Novembru 2015, **The Police vs Mohammed Hussein Abdi**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' Diċembru 2017 u **Il-Pulizija vs Christopher Buhagiar**, deċiża minn din il-Qorti kif preseduta fit-28 ta' Marzu 2014.

L-Artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid hekk:

> "Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw. Għandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mħarrka tonqos li tidher, hija tiġi

[33] A fol. 558 sa 563 tal-proċess.
[34] A fol. 530 u 531 tal-proċess.

> arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat". [sottolinear tal-Qorti]

Kif ingħad, id-difiża tirreferi għal numru ta' sentenzi sabiex issostni l-posizzjoni tagħha dwar il-punt sollevat minnha. Fl-ewwel lok tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-18 ta' Ottubru 2005, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Mary Briffa**, fejn l-appellant f'dik il-kawża ġie akkużat b'reati li allegatament seħħew "ghall-habta tas-7.30 p.m.", mentri l-provi kienu jirrigwardaw inċident li seħħ "ghall-habta tas-7.30 a.m.", f'liema każ kien intqal hekk:

> "L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat tnax-il siegha wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat fl-imputazzjoni u ghalhekk l-appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt insab. Il-frazi "ghall-habta ta'" tindika hin approssimattiv u tinkludi hin vicin dak imsemmi fl-imputazzjoni izda zgur mhux tnax-il siegha wara. Il-prosekuzzjoni qalet li huwa ovvju li dan kien zball dattilografu. Jekk inhuwa hekk, il-prosekuzzjoni kellha tiehu hsieb taghmel jew titlob il-korrezzjoni opportuna tempestivament."

Id-difiża għamlet ukoll referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminal tat-18 ta' Diċembru 2017 fl-ismijiet **The Police vs Mohammed Hussein Abdi**, f'liema każ l-ewwel Qorti sabet lill-imputat mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu stante illi r-reati lilu addebitati kienu jirreferu għal data differenti minn dik indikata fl-akkuża. F'dan il-każ l-imputat ma kienx jifhem bil-lingwa Maltija iżda bil-lingwa Ingliża u għalhekk il-Qorti ordnat li l-proċeduri jkomplu bil-lingwa Ingliża. Fil-waqt illi l-akkużi bil-lingwa Maltija kienu jirreferu għad-data tal-14 ta' Lulju 2016, l-akkużi bil-lingwa Ingliża ġew indikati bħala li jirreferu għas-16 ta' Lulju 2016. Stante illi l-akkużi nqraw bil-lingwa Ingliża, l-imputat kien mistenni jiddefendi ruħu mill-akkużi kif riflessi fiċ-ċitazzjoni bl-Ingliż u mhux f'dik bil-lingwa Maltija li l-imputat qatt ma seta' jifhem. Il-Prosekuzzjoni qatt ma talbet sabiex issir korrezzjoni fid-data indikata, u għalhekk il-fatti li rriżultaw mill-każ kienu jirreferu għal dak li seħħ f'jum differenti minn dak indikat fiċ-ċitazzjoni. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti tal-Appell Kriminali kkonfermat is-sentenza tal-ewwel Qorti.

Fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Christopher Buhagiar**, deċiża minn din il-Qorti kif preseduta, fit-28 ta' Marzu 2014, li wkoll tagħmel referenza għaliha d-difiża fit-trattazzjoni tagħha, il-Prosekuzzjoni ressqet provi li kienu jirreferu għal-lejl ta' bejn il-25 u s-26 ta' Frar 2006, fil-waqt li permezz taċ-ċitazzjoni, l-imputat ġie akkużat bil-bejgħ tal-pilloli *ecstasy* u bil-pussess tal-istess, f'ċirkostanzi li juru li dawn ma kinux għall-użu esklussiv tiegħu, fil-lejl ta' bejn il-25 u s-26 ta'

Marzu 2006 u għaldaqstant, il-Qorti kkonkludiet illi l-imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront tal-istess imputat ma setgħux jirriżultaw.

Il-Qorti tirreferi għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-26 ta' Jannar 2017, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Raymond Xerri**, f'liema każ, l-appellant ikkontenda illi huwa qatt ma seta' jinstab ħati tar-reat ta' riċettazzjoni kif lilu addebitat u dan stante illi l-fatti attwibwiti lilu kienu jirreferu għal data oħra, li ma kinitx dik indikata fl-akkuża. Skont l-appellant semmai l-azzjonijiet tiegħu kienu jirreferu għal xi żmien fil-bidu tax-xahar ta' Novembru 2009 u mhux għad-data tal-24 ta' Jannar 2010 u l-jiem ta' qabel, kif indikat fl-akkuża. Wara li għamlet referenza għas-sentenza **Il-Pulizija vs John Mary Briffa**, il-Qorti kompliet tgħid hekk:

> "Illi dan l-istess principju gie riaffermat minn din l-istess Qorti f'diversi kawzi ohra inkluz dawk fl-ismijiet Il-Pulizija vs Warren Piscopo u Pulizija vs Rita Thuema, it-tnejn decizi fid-19 ta' Ottubru 2011.[35] Dan ghaliex il-Qorti qatt ma tista' issib htija dwar il-kummissjoni ta' xi reat li ikun sehh fi zmien iehor u mhux dak indikat fl-akkuza, cirkostanza li hija tant materjali u sostanzjali fil-kaz imressaq 'il quddiem mill-Prosekuzzjoni. Dan ghaliex l-artikolu 360 stess ifisser kif ghandha tigi redatta ic-citazzjoni u liema huma dawk l-indikazzjonijiet mehtiega sabiex il-persuna imharrka tkun tista' thejji id-difiza taghha tajjeb u dan bil-fatti kif indikati lilha f'dik ic-citazzjoni. Issa jekk dawk il-fatti ikunu gew indikati hazin, allura il-binarji ta' l-azzjoni ma ikunux gew definiti jew ikunu gew definiti hazin."

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tad-19 ta' Novembru 2015, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Andre` Falzon**, li tagħmel referenza għaliha d-difiża fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, il-Qorti wkoll ikkunsidrat il-fatt illi l-appellant kien ġie akkużat talli wettaq reat f'data partikolari, meta fil-fatt kien jirriżulta mill-atti u mill-provi mressqa illi l-fatti li wasslu għall-imputazzjonijiet in kwistjoni kienu seħħew f'data oħra li ma kinitx dik indikata fiċ-ċitazzjoni. Wara li l-Qorti rreferiet għas-sentenza fuq ċitata **Il-Pulizija vs John Mary Briffa** u għas-sentenzi fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Warren Piscopo** u **Il-Pulizija vs Rita Thuema**, kompliet hekk:

> "Stabbiliti dawn il-principji dottrinali u applikati ghall-kaz in ezami huwa car allura illi l-appellanti kellu jigi illiberat mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu billi dawn jirreferu ghal perijodu ta' zmien differenti minn dak li fih sehhew l-allegati fatti li wasslu ghall-imputazzjoni odjerna. Illi allura billi l-Prosekuzzjoni naqqset milli tinduna b'dan l-izball u tirrettifikah fil-hin opportun, u billi l-Avukat Generali huwa issa fi

[35] Hawnhekk il-Qorti rreferiet ukoll għall-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ramon Mifsud Grech et** deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati fit-23 ta' April 2012.

stadju ta' appell prekluz milli jitlob il-korrezzjoni mehtiega biex tigi sanata l-akkuza, ma hemmx dubbju illi l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra l-appellanti ma jistghux jissussistu billi fid-data indikata fl-akkuza l-appellanti ma ikkomettiex ir-reati lilu addebitati."

Jirriżulta ċar illi s-sentenzi kollha indikati mid-difiża u fuq ċitati jitrattaw <u>żball</u> fiċ-ċitazzjoni fir-rigward tad-data li fiha seħħ l-allegat reat jew inkella dwar il-ħin tal-istess. Is-sitwazzjoni preżenti hija differenti għaliex hawnhekk il-Qorti m'għandhiex żball fid-data, żmien jew ħin li għalih jirreferu l-imputazzjonijiet, iżda semmai <u>nuqqas</u> fis-sena li għaliha jirreferu l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputata.

Fil-każ deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet <u>**Il-Pulizija vs Joseph Zahra**</u> fil-5 ta' Awwissu 2003, f'liema każ l-imputazzjonijiet kienu jirreferu għas-"*26 ta' Lulju 2000 wara nzul ix-xemx*", il-Qorti qalet hekk fis-sentenza tagħha:

> "L-ewwel aggravju ta' l-appellant hu, bazikament, fis-sens li huwa ma setax jinstab hati skond l-imputazzjonijiet kif dedotti peress li dawn l-imputazzjonijiet kienu nieqsa mid-dettalji mehtiega dwar il-post, il-hin u c-cirkostanzi li fihom sehhew l-allegati reati. Dan l-aggravju hu wiehed fieragh. Huwa veru li l-imputazzjonijiet ma kienux redatti bl-aktar mod felici u li r-referenza ghall-"post", "hin" u "cirkostanzi" f'kull imputazzjoni ma hi xejn cara. Pero`, kif din il-Qorti kellha l-okkazzjoni li tosserva diversi drabi, in-nuqqas ta' xi rekwizit imsemmi fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 360 ma jwassalx ghan-nullita` tac-citazzjoni (jew tal-imputazzjoni jew imputazzjonijiet) u <u>anqas ma jwassal necessarjament ghall-liberazzjoni ta' dak li jkun</u>. Jekk, minhabba l-mod kif inhuma redatti l-imputazzjonijiet, l-imputat ma jkunx jista' jiddefendi ruhhu adegwatament huwa jista' jgib dan l-ilment a konjizzjoni tal-qorti biex din tiehu l-mizuri necessarji. Jista' wkoll, wara li jkun sema' l-provi tal-prosekuzzjoni, jitlob differiment jew posponiment biex ikun f'posizzjoni li jaghmel id-difiza tieghu, minflok ma jghaddi ghad-difiza minnufih wara l-kaz tal-prosekuzzjoni, kif suppost li jsir f'kull kawza (ara, in partikolari, l-Artikoli 374, 375 u 377(1) tal-Kodici Kriminali). S'intendi, tali differiment jew posponiment ghandu jinghata b'cirkospezzjoni kbira u biss f'kazijiet fejn ikun hemm xi nuqqas fil-mod kif il-prosekuzzjoni tkun ressqet l-imputazzjonijiet jew ikkonduciet il-kaz taghha, liema nuqqas ikun verament jista' jippregudika lill-imputat, ghax altrimenti facilment jigri li l-kawza sommarja ma tibqa' sommarja xejn. Huwa proprju ghalhekk li l-Artikolu 360(2) jghid li c-citazzjoni ghandha jkollha certi dettalji, u cioe` sabiex l-imputat jigi preparat fl-ewwel jum tas-smigh bid-difiza u bil-provi tieghu in difeza, u l-kawza tkun tista' tinqata' f'dik l-ewwel gurnata tas-smigh. Issa, fil-kaz in dizamina ma ghandniex kawza

> sommarja, izda kumpilazzjoni. Fi kliem iehor il-provi ingabru fuq numru ta' granet, u mill-provi mismugha wiehed seta' facilment jifhem il-"post", il-"hin" u c-"cirkostanza" ta' kull imputazzjoni. Meta, ghalhekk, l-appellant Zahra gie biex jaghmel id-difiza tieghu huwa kien jaf ezattament b'liema fatti kien qed jigi imputat, u liema kienu r-reati li kienu qed jigu ipotizzati fil-konfront tieghu (u dan, naturalment, aktar u aktar wara n-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali). Ghalhekk dana l-aggravju ta' l-appellant qed jigi respint." [sottolinear ta' din il-Qorti]

U kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-6 ta' Lulju 2007, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Patrick Borg</u>**:

> "Tajjeb hawn li jitfakkar, pero`, dak li gie kostantement deciz dwar in-natura tac-citazzjoni u f'dar-rigward huwa ghalhekk rilevanti s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kodici Kriminali li jipprovdi:
>
> "**Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw.**"
>
> Il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna hi fis-sens li c-citazzjoni in kwistjoni mhix hlief avviz lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti. Fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Buttigieg** fil-25 ta' Lulju 1994, intqal:
>
> **"L-insenjament tal-qrati taghna, kemm dawk superjuri kif ukoll inferjuri, hu tista' tghid univoku u gie kristallizzat fis-sentenza tal-Qorti Kriminali (li allura kienet tisma' appelli mill-qrati inferjuri) tas-6 ta' Dicembru, 1948 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Arthur S. Mortimer A. & C.E. (Vol.XXXIII.iv.758) li dahlet ukoll fl-origini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 360, introdott fl-1911. Brevement, ic-citazzjoni ma hi xejn hlief avviz jew ordni sabiex il-gudikabbli jidher quddiem qorti inferjuri fil-hin u data li jigu indikati lilu, minflok ma jingieb quddiem dik il-qorti taht arrest (Art. 360(1)). Din ic-citazzjoni ma hix il-bazi tal-akkuza, bhalma hu l-kaz tal-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. L-akkuza jew imputazzjoni tigi profferita fil-qorti inferjuri meta tinqara mill-prosekuzzjoni: 'La vera imputazione si deduce contro l'imputato dalla prosecuzione dinanzi alla Corte stessa. La lotta fra la prosecuzione e l'imputato non si impegna per mezzo della citazione, ma si impegna per mezzo della querela, della esposizione dei fatti che seguono innanzi alla Corte per parte dell'ufficiale prosecutore' (ara sentenza citata, pagna 761). Dan ifisser li galadarba l-persuna mharrka effettivament tidher quddiem il-qorti, il-funzjoni <u>principali</u> tac-citazzjoni (ghax hemm funzjonijiet ohra, bhal, per**

**ezempju, li l-imputat ikun jaf biex qed jigi akkuzat sabiex ikun jista' jiddefendi ruhhu sew, kif ukoll l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni) tkun giet ezawrita (ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' Gunju, 1989 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Noel Zarb Adami)."**

U bhalma qalet din il-Qorti (diversament presjeduta) fis-sentenza moghtija fl-4 ta' Novembru 1994 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Emanuel Buttigieg**:

"**Id-dettalji msemmijin dwar il-fatti ghandhom jigu ndikati fiha mhux ghall-fini tal-validita` taghha, jew tal-proceduri, kompriza s-sentenza, li jsegwuha, izda ghall-fini ta' pratticita' u ta' evitar ta' telf ta' zmien, u cioe` biex l-imputat x'hin jidher quddiem il-Qorti jkun jaf fuqhiex ikun gie mharrek, u hekk dakinhar stess li jidher ikun preparat biex jiddefendi ruhu ghall-imputazzjoni dedotta.**

**.....**

**Dan kollu premess ifisser li c-citazzjoni li jkun fiha l-ordni lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati qatt ma tista' tkun nulla, kemm jekk tkun tikkontjeni kif ukoll jekk ma tikkontjenix dettalji korretti jew skorretti tal-fatti. F'ebda kaz dik ic-citazzjoni ma ggib in-nullita` tal-proceduri sussegwenti, kompriza s-sentenza.**"

Is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kodici Kriminali jirrikjedi biss li c-citazzjoni jkun fiha l-fatti ta' l-akkuza. Fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Philip Schembri** moghtija fit-18 ta' Novembru 1994 minn din il-Qorti (diversament presjeduta), gie spjegat:

"**Dawn il-fatti, naturalment, iridu juru b'mod car ir-reat li tieghu l-persuna tkun qed tigi imputata, minghajr il-htiega ta' tigbid ta' kliem jew immaginazzjoni, jigifieri b'mod li l-imputat ikun jaf ta' liema reat jew reati qed jigi akkuzat u ghal liema reat jew reati jrid iwiegeb.**"

Fil-każ tal-lum, il-Qorti jidhrilha illi huma dawn is-sentenzi li huma relevanti għall-kwistjoni li għandha quddiemha. M'hemmx dubju illi l-fatti tal-każ huma spjegati sew fiċ-ċitazzjoni odjerna, kif m'hemmx dubju wkoll illi għalkemm is-sena li għaliha jirreferu l-imputazzjonijiet hija nieqsa, l-imputata kienet taf ben tajjeb dwar x'hiex u għal-liema żmien, sena u data kienet qed tiġi akkużata. Biss biss fl-ewwel seduta li fiha nstemgħu x-xhieda tal-Prosekuzzjoni, l-Uffiċjal Prosekutur l-Ispettur Malcolm Bondin, xehed dwar il-fatti li taw lok għall-imputazzjonijiet odjerni, liema fatti seħħew nhar il-5 ta' Novembru <u>2012</u> meta,

skont ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, kif ukoll tal-imsemmi Spettur, l-imputata nstabet fil-pussess ta' sustanza suspettata eroina. In oltre għalkemm dan il-każ ġie trattat *ab initio* bi proċedura sommarja, il-każ ma nstemax fuq medda ta' ġurnata jew tnejn, iżda fuq medda ta' snin u għaldaqstant, m'hemmx dubju illi l-imputata kellha kull opportunita` sabiex tiddefendi ruħha, kif fil-fatt għamlet. Għalhekk, fid-dawl tal-provi prodotti, minkejja dan in-nuqqas fid-data li għaliha jirreferu l-imputazzjonijiet kif dedotti, jirriżulta ċar illi dawn l-imputazzjonijiet jirreferu għas-sena 2012 u għall-ebda sena oħra; fatt dan li d-difiża setgħet faċilment tikkonstatah waqt il-produzzjoni tal-provi tal-Prosekuzzjoni u fatt li l-Qorti m'għandhiex dubju li d-difiża kkonstatu. Kuntrarjament għas-sentenzi ċitati mid-difiża fis-sottomissjonijiet tagħha, li lkoll jirreferu għal żball fid-data jew fil-ħin, meta allura ma setgħetx tinstab ħtija a bażi tal-imputazzjoni kif dedotta, fil-każ odjern, in-nuqqas fl-imputazzjoni ma jwassalx awtomatikament għal nuqqas ta' sejbien ta' ħtija fl-imputata, kif tippretendi d-difiża.

Din kienet ukoll id-deċiżjoni ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta mill-Maġistrat Dr. Josette Demicoli, fil-każ minnha deċiż fis-27 ta' Lulju 2016 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Borg**, f'liema każ ukoll il-Prosekuzzjoni kienet naqset milli tindika s-sena li għaliha kienu jirreferu l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat. Il-Qorti wara li għamlet rassenja tal-ġurisprudenza in materja, fuq l-istess binarji tas-sentenzi fuq ċitati, kompliet hekk:

> "Illi f'dan il-kaz kif diga' inghad id-difiza ma ssollevatx dan in-nuqqas ta' indikazzjoni tas-sena. Mill-atti jemergi ben car ghal-liema sena jirreferu l-allegati reati kemm inkwantu ghax-xhieda prodotta kif ukoll iz-zewg certifikati medici li gew ezebiti kif ukoll l-okkorrenza. Jirrizulta wkoll mill-atti li l-imputat kien jaf ben tajjeb biex kien qieghed jigi akkuzat tant li din il-kawza kienet assidwament kontestata mid-difiza u saru anki kontro-ezamijiet serrati. Inoltre' f'dan il-kaz m'ghandnix kwistjoni li kien hemm indikazzjoni ta' sena zbaljata bhalma gara fil-kaz succitat ghaliex naturalment f'dak il-kaz il-kunsiderazzjonijiet li riedu jsiru setghu kienu differenti, izda fil-kaz odjern is-sena thalliet kompletament barra. Ghalhekk din il-Qorti tqis li ghandha tipprocedi bil-kaz."

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi fl-ewwel lok, jeħtieġ illi l-Qorti tiddetermina l-valur probatorju li għandhom jingħataw l-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputata odjerna nhar is-6 ta' Novembru 2012[36] u dik ulterjuri mogħtija minnha fit-12 ta' Novembru 2012[37] wara li l-hija ngħatat is-solita twissija skont il-liġi, kif ukoll il-jedd li tottjeni parir legali qabel

[36] A fol. 27 sa 32 tal-proċess.
[37] Ara din l-istqarrija a fol. 95 sa 96 tal-proċess.

l-interrogatorju tagħha, liema dritt hija għażlet illi ma teżerċitahx[38]. L-ewwel stqarrija ġiet ikkonfermatha mill-istess imputata quddiem il-Maġistrat (illum Imħallef) Dr. Consuelo Scerri Herrera fl-istess jum li hija rrilaxxjatha ossia nhar is-6 ta' Novembru 2012.[39]

Jirriżulta illi l-imputata rrilaxxjat dawn l-istqarrijiet tagħha mingħajr il-jedd li tkun assistita minn avukat waqt l-interrogatorji li sarulha u dan peress illi dan il-jedd daħal fis-seħħ fil-liġi Maltija fit-28 ta' Novembru 2016, permezz tal-Avviż Legali 401 tal-2016.

F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tat-12 ta' Jannar 2016 fil-każ **Mario Borg v. Malta**, kif ukoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Chukwudi Onyeabor** tal-1 ta' Diċembru 2016, fejn hemmhekk il-Qorti għamlet referenza għal diversi sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali ossia **Carmel Saliba vs Avukat Generali** tas-16 ta' Mejju 2016, **Stephen Nana Owusu vs Avukat Generali** tat-30 ta' Mejju 2016, **Malcolm Said vs Avukat Generali et** tal-24 ta' Ġunju 2016 u **Aaron Cassar vs Avukat Generali et** tal-11 ta' Lulju 2016 u għaddiet sabiex tiddeċiedi illi "*the denial of the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systematic restriction applicable to all accused persons must today be held to be in violation of the conditions for the admissibility of an accused's statement*."

Il-Qorti tirreferi wkoll għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru 2018, fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**, f'liema każ fl-istqarrijiet tiegħu, ir-rikorrenti minkejja li qabel irrilaxxja l-ewwel stqarrija, kien ingħata parir mingħand l-avukat tiegħu li f'dak l-istadju ma jgħid xejn lill-Pulizija, huwa xorta waħda rrisponda għad-domandi waqt l-interrogatorju li sarlu, bir-riżultat li stqarr fatti li kienu inkriminanti għalih, in kwantu ammetta li kien jixtri d-droga kemm għall-użu personali tiegħu, kif ukoll sabiex ibiegħ minnha lil terzi. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istqarrijiet rilaxxjati mill-istess rikorrenti mingħajr il-jedd ta' assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu:

> "36. Mill-premess jirrizulta manifest li l-istqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent ser ikollhom kif fil-fatt gja` kellhom quddiem il-Qorti Kriminali impatt fil-proceduri kriminali, mhux in kwantu ghall-ammissjonijiet, izda in kwantu l-kontenut taghhom kien ittiehed in konsiderazzjoni fil-quantum tal-piena imposta fuqu mill-Qorti Kriminali, u issa huwa car li anke l-Qorti tal-Appell Kriminali ser tiehu konsiderazzjoni tal-kontenut tal-istqarrijiet f'dan ir-rigward. Ghalhekk,

[38] Ara a fol. 27 u a fol. 97 tal-proċess.
[39] Ara a fol. 45 *et seq* tal-proċess.

ghalkemm il-proceduri kriminali ghadhom pendenti u ghalhekk ma jistax f'dan l-istadju jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni ta' smigh xieraq f'dawk il-proceduri, jekk l-istqarrijiet jithallew fil-process tal-proceduri kriminali, dawn wisq probabbilment ser isir uzu minnhom mill-Qorti tal-Appell Kriminali bi pregudizzju jew vantagg ghall-akkuzat fil-kwantifikazzjoni tal-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll ghal dak li tirrigwarda l-multa li tista' tigi imposta.

37. Fid-dawl tal-premess it-tehid tal-istqarrijiet zgur li ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u, ladarba dan isir, x'aktarx ser isir ksur tad-dritt tal-rikorrent ghal smigh xieraq tenut kont tal-fatt li dawn gew rilaxxjati mir-rikorrent fl-assenza ta' avukat li jassistih. Ghalhekk huwa xieraq li, filwaqt li f'dan l-istadju ma jistax jinghad jekk kienx hemm lezjoni ta' dan id-dritt fundamentali tar-rikorrent peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, dawn ma jithallewx jibqghu fl-inkartament tal-process kriminali." [sottolinear tal-Qorti]

Allura minkejja illi r-rikorrenti f'dak il-każ, kien ingħata l-jedd li jikkonsulta ma' avukat qabel l-ewwel interrogatorju tiegħu u anke eżerċita dan il-jedd, il-Qorti ordnat illi l-istqarrijiet tiegħu ma jitħallewx fl-inkartament la darba kien ser ikollhom impatt fuq l-eżitu tal-proċess kriminali u dan stante illi ma ngħatax il-jedd għall-assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu. Din kienet ukoll il-konklużjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminal fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Novembru 2018, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Claire Farrugia**, f'liema każ dik il-Qorti skartat bħala inammissibbli l-istqarrijiet tal-imputata, waħda minnhom ġuramentata quddiem Maġistrat, u dan għaliex għalkemm hija ngħatat id-dritt li tottjeni parir legali qabel l-istqarrijiet tagħha, madankollu hija ma ngħatatx id-dritt li tkun assistita minn avukat waqt l-interrogatorji li sarulha u dan stante li dan id-dritt ma kienx għadu viġenti fiż-żmien in kwistjoni. F'dan is-sens ukoll iddeċidiet l-istess Qorti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emad Masoud** tas-16 ta' Mejju 2019 u fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Sandro Spiteri** tat-18 ta' Ġunju 2019, f'liema każ, l-imputat kien irrilaxxja stqarrija kemm mingħajr il-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, kif ukoll mingħajr id-dritt li jkun assistit minn avukat waqt l-istess interrogatorju.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella** tal-14 ta' Diċembru 2018, f'liema każ l-appellat kien ingħata l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogotarju tiegħu u anke eżerċitah, iżda ma ngħatax il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt dan l-interrogatorju, stante illi anke f'dak il-każ, fiż-żmien in kwistjoni, dan il-jedd ma kienx viġenti fil-liġi Maltija, il-Qorti Kostituzzjonali reġgħet irribadiet il-konklużjonijiet tagħha fis-sentenza preċedenti fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**:

"14. Għalkemm, bħall-ewwel qorti, taqbel mal-appellanti illi f'dan l-istadju għadu ma seħħ l-ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, madankollu, kif osservat fil-każ ta' Malcolm Said, il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu."

Fil-każ ta' **Philippe Beuze vs Belgium** deċiż mill-*Grand Chamber* tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fid-9 ta' Novembru 2018, dik il-Qorti reġgħet adottat il-kriterju tal-*overall fairness of the proceedings* sabiex tistħarreġ jekk seħħitx o meno leżjoni tad-dritt għal smiegħ xieraq. Għalkemm sabet li f'dan il-każ seħħet vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, il-Qorti mxiet lil hinn minn dawk id-deċiżjonijiet li fihom instabet vjolazzjoni tal-imsemmi artikolu għaliex kien hemm restrizzjoni sistematika fil-liġi domestika tad-dritt ta' persuna suspettata jew arrestata ta' aċċess għall-avukat, u ddeċidiet illi l-Qorti għandha dejjem tistħarreġ iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, tenut kont ta' numru ta' kriterji, mhux eżawrjenti, elenkati fid-deċiżjoni tagħha. Dik il-Qorti qalet hekk fid-deċiżjoni tagħha:

"(γ) Relevant factors for the overall fairness assessment

150. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account (see Ibrahim and Others, cited above, § 274, and Simeonovi, cited above, § 120):

(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;

(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;

(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;

> (d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;
>
> (e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;
>
> (f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;
>
> (g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;
>
> (h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;
>
> (i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and
>
> (j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice."

F'dak il-każ, meta l-Qorti Ewropea ġiet biex teżamina dawn il-kriterji fil-kuntest taċ-ċirkostanzi li kellha quddiemha, fil-waqt illi saħqet illi kienet qed issib vjolazzjoni tal-Artikolu 6 fid-dawl ta' diversi fatturi meħudha lkoll flimkien u mhux kull fattur meqjus separatament, ikkunsidrat *inter alia* illi fl-istess każ, ir-restrizzjonijiet fuq id-dritt tal-aċċess għall-avukat kienu estensivi u dan fis-sens illi l-akkużat ġie interrogat waqt li kien fil-kustodja tal-pulizija mingħajr ma qabel ingħata l-opportunita` li jottjeni parir legali jew li jkollu avukat preżenti u fil-kors tal-investigazzjoni ġudizzjarja li seħħet wara, ma ngħatax il-possibilita` li jkun assistit minn avukat, kif lanqas ma ngħata dan id-dritt f'atti investigattivi oħrajn sussegwenti. F'dawk iċ-ċirkostanzi, mingħajr ma ngħata informazzjoni ċara dwar id-dritt tiegħu għas-silenzju, huwa rrilaxxja stqarrijiet dettaljati u sussegwentement ta wkoll verżjonijiet differenti dwar il-fatti, bir-riżultat illi għamel stqarrijiet, li għalkemm ma kinux inkriminanti fis-sens restrittiv ta' din il-kelma, effettwaw sostanzjalment il-posizzjoni tiegħu, speċjalment fir-rigward ta' akkuża partikolari. Dawn l-stqarrijiet ġew ilkoll ikkunsidrati bħala ammissibbli fil-proċeduri kontra tiegħu. In oltre tali stqarrijiet kellhom rwol importanti fil-proċeduri u fir-rigward ta' akkuża minnhom, kienu jiffurmaw parti integrali mill-provi li a bażi tagħhom huwa nstab ħati.

Fil-każ deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Paul Anthony Caruana vs Avukat Ġenerali et** nhar il-31 ta' Mejju 2019, l-attur ilmenta minn ksur tal-jedd tiegħu għal smiegħ xieraq fid-dawl tal-fatt illi ma ngħatax id-dritt tal-aċċess għall-avukat kemm qabel irrilaxxja l-istqarrija tiegħu lill-pulizija kif ukoll waqt l-interrogatorju tiegħu, u għaldaqstant talab lill-Qorti kemm sabiex tiddikjara illi ġew leżi d-drittjiet fundamentali tiegħu kif sanċiti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, kif ukoll sabiex takkorda dawk ir-rimedji effettivi inkluż li tannulla, tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, li permezz tagħha kien instab ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u ġie kkundannat għal terminu effettiv ta' priġunerija.

F'dan il-każ, wara li rreferiet għall-każ ta' **Ibrahim and Others v. United Kingdom** deċiż mill-Qorti Ewropea fit-13 ta' Settembru 2016 u kompliet illi allura l-fatt waħdu li persuna ma tkunx tħalliet tingħata l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni, ukoll jekk ma kienx hemm raġunijiet impellenti għal dan in-nuqqas, ma huwiex biżżejjed biex, *ipso facto*, jinsab ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, iżda wieħed irid iqis il-proċess fit-totalità tiegħu, il-Qorti Kostituzzjonali għamlet referenza wkoll għad-deċiżjoni f'**Beuze v. Belgium** u għall-kriterji hemmhekk indikati (u fuq ċitati minn din il-Qorti) li a bażi tagħhom wieħed għandu jeżamina l-proċeduri fl-intier tagħhom fid-dawl tal-impatt tan-nuqqasijiet proċedurali fl-istadju ta' qabel il-proċeduri. Il-Qorti kompliet hekk dwar l-ilment tal-attur:

> "20. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjoniiet, l-aggravju tal-attur – safejn igħid illi "l-fatt waħdu illi persuna li tkun instabet ħatja ma tkunx tħalliet tikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tagħha fil-mument tal-investigazzjoni u l-għotja ta' stqarrija lill-pulizija, minħabba restrizzjoni sistematika fil-liġi maltija, awtomatikament ikun ifisser illi saret vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tas-smigħ xieraq ta' dik l-istess persuna taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea" – huwa ħażin u huwa miċħud.
>
> 21. Fil-każ tallum kien hemm raġuni tajba għala l-attur ma tħalliex ikellem avukat qabel jew waqt l-ewwel interrogazzjoni. Ir-raġuni hi li kien hemm il-ħsieb li ssir controlled delivery lil terza persuna li kienet tipprovdi lill-attur bid-droga, u biex din l-operazzjoni tirnexxi kien meħtieġ li l-attur ma jitħalla jikkomunika ma' ħadd biex ma titwassalx il-kelma lil dan it-terz.
>
> ...

23. L-attur ingħata t-twissija li trid il-liġi qabel ma ta l-istqarrija, u ma saret ebda allegazzjoni li l-istqarrija saret fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-art. 658 tal-Kodiċi Kriminali. ... Ħlief għall-fatt li ma kellux avukat dak il-ħin, l-attur ma ressaq ebda argument serju kontra l-validità u l-veraċità tal-istqarrija.

24. Għandu jingħad ukoll illi l-attur ma nżammx aktar milli kien meħtieġ biex tirnexxi l-operazzjoni tal-controlled delivery; dakinhar stess kien meħlus u seta' liberament ikellem avukat.

25. Barra minn hekk, l-istqarrija magħmula lill-pulizija ma kinitx ir-raġuni li wasslet għall-kundanna tal-attur: l-attur instab ħati mill-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali għax ammetta l-ħtija għal dawk l-akkużi li ma ġewx ritirati. Dan għamlu fil-preżenza tal-avukat wara li ikkonsulta miegħu u quddiem maġistrat li wissih bil-konsegwenzi tal-ammissjoni u tah l-opportunità li jeħodha lura.

26. Tassew illi l-attur igħid illi kien kondizzjonat bil-fatt li kien ġà ta stqarrija lill-pulizija qabel ma ammetta quddiem il-qorti...

27. Dan jista' f'ċerti ċirkostanzi jkun fattur relevanti, iżda fil-każ tal-lum l-attur seta' jiċħad dak li stqarr fl-istqarrija u wkoll, jekk tassew kif qal hu kien fis-sakra meta għamilha u għalhekk l-istqarrija ma għamilhiex "volontarjament", jikkontestaha taħt l-art. 658 tal-Kodiċi Kriminali – seta' saħansitra jirtira l-ammissjoni li għamel quddiem il-qorti – għax il-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali, presjeduta minn ġudikant togat, kienet taf biżżejjed, fid-dawl tas-sentenza ta' Salduz, li kienet ingħatat qabel, li ma kellhiex toqgħod fuq l-istqarrija weħedha, aktar u aktar jekk tkun ġiet irtirata, jekk ma jkunx hemm xiehda oħra li ma tħallix dubju dwar il-ħtija. Bilkemm għalfejn ngħidu wkoll illi l-attur kien inqabad in flagrante, bi kwantità ta' droga fuq il-persuna tiegħu u fid-dar fejn kien joqgħod.

28. Il-qorti aktar temmen illi l-attur ammetta quddiem il-qorti mhux għax kondizzjonat bl-istqarrija li kien ta iżda għax kien jaf bix-xiehda l-oħra kontrieh u biex jieħu l-benefiċċju, li fil-fatt ingħata, taħt l-art. 29 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi [Kap. 101]." [sottolinear ta' din il-Qorti]

Mis-suespost, il-Qorti jidhrilha illi fil-każ ta' Beuze, sabiex sabet vjolazzjoni tal-jedd tal-akkużat għal smigħ xieraq, il-Qorti Ewropea fil-valutazzjoni tagħha tal-*overall fairness of the proceedings* straħet ħafna fuq il-fatt illi l-akkużat ma ngħatax aċċess għall-avukat qabel u/jew waqt l-interrogatorji diversi li sarulu, illi fl-istqarrijiet tiegħu għamel dikjarazzjonijiet inkriminanti u illi fir-rigward ta' akkuża partikolari, l-istqarrijiet tiegħu kellhom impatt tali illi wasslu għal sejbien ta' ħtija. Fil-każ ta' Paul Anthony Caruana, imbagħad, fil-waqt illi ma sabitx ksur

tad-dritt tal-attur għal smiegħ xieraq, il-Qorti Kostituzzjonali qieset bħala fattur determinanti l-fatt illi huwa nstab ħati mill-Qorti tal-Maġistrati mhux fid-dawl tal-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija, iżda a bażi tal-ammissjoni tiegħu fil-proċeduri. Effettivament din il-Qorti tinnota illi dejjem tibqa' kunsiderazzjoni determinanti kemm l-istqarrija rilaxxjata mingħajr il-jedd ta' aċċess għall-avukat, ikollha impatt fuq l-eżitu tal-proċeduri, jew fi kliem ieħor fuq is-sejbien ta' ħtija tal-imputat.

F'każ deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali nhar is-27 ta' Settembru 2019, fl-ismijiet **<u>Graziella Attard vs Avukat Ġenerali</u>**, f'liema każ il-posizzjoni legali kienet dik adoperata qabel l-10 ta' Frar 2010 u għalhekk qabel ġie fis-seħħ id-dritt ta' persuna suspettata jew arrestata li tottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tagħha, wara li rreferiet ukoll għall-każ **<u>ta' Beuze v. Belgium</u>**, l-istess Qorti kkonkludiet illi:

> "10. Madanakollu, billi ċ-ċirkostanzi fejn il-persuna interrogata tista' ma titħalliex tkellem avukat huma l-eċċezzjoni aktar milli r-regola, u din il-qorti għandha s-setgħa li tagħti rimedju fejn issib li disposizzjoni li tħares dritt fondamentali mhux biss "qiegħda tiġi" iżda wkoll meta "tkun x'aktarx sejra tiġi miksura", din il-qorti hija tal-fehma, kif osservat fis-sentenza mogħtija fl-24 ta' Ġunju 2016 fl-ismijiet <u>Malcolm Said v. Avukat Ġenerali</u>, **<u>illi ma jkunx għaqli</u>** – partikolarment fid-dawl ta' inkonsistenzi fis-sentenzi tal-Qorti Ewropea li joħloq element ta' imprevedibilità, kif jixhdu l-posizzjonijiet konfliġġenti li ħadet fil-każ ta' Borg u f'dak ta' Beuze – **<u>illi l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija mogħtija mill-attriċi lill-pulizija</u>** għaliex tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attriċi, aktar u aktar meta fl-istqarrija ammettiet sehma fir-reat." [enfasi ta' din il-Qorti]

Fl-istess sentenza, il-Qorti Kostituzzjonali tenniet ukoll is-segwenti:

> "18. Il-qorti tqis illi l-ordni li l-istqarrija titneħħa mill-inkartament, aktar milli rimedju għal ksur li, wara kollox, għadu ma seħħx, huwa garanzija tal-integrità tal-proċess u wkoll fl-interess pubbliku, biex ma jiġrix l-proċess kontra l-attriċi jkollu jitħassar wara li jintemm, b'ħela ta' ħin u riżorsi, li tkun forma oħra ta' inġustizzja għax il-liġijiet għandhom iħarsu mhux biss lil min hu mixli b'reat iżda wkoll lil min jista' jkun vittma ta' reat.
>
> 19. Il-qorti għalhekk terġa' ttenni li ma jkunx għaqli li jsir użu mill-istqarrija waqt il-proċess kriminali ...".

Il-Qorti qed tqis ukoll illi fis-sentenza tagħha tas-7 ta’ Jannar 2020 fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Carmel Polidano, Michael Mercieca, *Omissis*</u>**, il-Qorti tal-Appell Kriminali għamlet rassenja tal-ġurisprudenza l-iżjed riċenti, kemm tal-Qrati Maltin kif ukoll tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar din il-kwistjoni u rrikonixxiet illi kien hemm tibdil sostanzjali fid-deċiżjonijiet mogħtija mill-Qorti Ewropea dwar dan il-punt. Il-Qorti għamlet referenza għal **<u>Beuze v. Belgium</u>**, kif ukoll għas-sentenzi tal-Qrati Maltin li rreferew għal din id-deċiżjoni, fosthom **<u>Il-Pulizija vs Maximilian Ciantar</u>** tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-27 ta’ Frar 2019, fejn il-Qorti straħet fuq l-istqarrija tal-imputat, abbinata ma’ provi oħrajn, minkejja li l-imputat ma ngħatax id-dritt li jkun assistit minn avukat waqt l-interrogatorju tiegħu, fil-waqt illi kien ingħata l-jedd għall-parir legali qabel tali interrogatorju, **<u>Paul Anthony Caruana vs Avukat Ġenerali et</u>** fuq ċitata, kif ukoll **<u>Stephen Pirotta vs Avukat Ġenerali et</u>** tas-27 ta' Settembru, 2019 fejn il-Qorti Kostituzzjonali sabet li r-rikorrenti ma ġarrab ebda ksur tal-jedd tiegħu għal smiegħ xieraq bil-fatt illi ma kienx ingħata l-għajnuna ta’ avukat waqt l-interrogazzjoni tiegħu u dan wara li kkunsidrat illi:

> “Fil-każ tallum ma jista’ jkun hemm ebda dell ta’ dubju li l-attur kien ħati tal-imputazzjonijiet imressqa kontra tiegħu, kif wara kollox għarfet l-ewwel qorti stess. L-ewwel qorti għarfet ukoll illi l-qrati ta’ ġurisdizzjoni kriminali waslu għall-konklużjoni tal-ħtija tal-attur bis-saħħa ta’ xiehda oħra barra l-istqarrija tiegħu. Meqjus il-proċess kriminali fl-intier tiegħu, ma jistax jingħad illi l-attur ma ngħatax smigħ xieraq: kellu għarfien tal-provi kollha mressqa kontrih u ma ntweriex li nżamm mistur xi tagħrif li kellha l-pulizija; kellu għajnuna ta’ avukat waqt il-proċess quddiem il-qorti; kellu fakoltà jressaq xhieda u jagħmel konto-eżami tax-xhieda tal-prosekuzzjoni; instab ħati bis-saħħa ta’ xiehda oġġettiva li, ukoll jekk ma tqisx l-ammissjoni tiegħu, rabtitu mal-inċident u ma setgħetx tħalli dubju dwar il-ħtija tiegħu.”

Il-Qorti tal-Appell Kriminali rreferiet ukoll għas-sentenza mogħtija ricentement fl-ismijiet **<u>Farrugia vs. Malta</u>**, reża finali fis-7 ta’ Ottubru 2019, mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, li wkoll ikkonfermat il-posizzjoni li ttieħdet fil-każ ta’ Beuze u kompliet hekk:

> “Illi l-izvillup fl-interpretazzjonijiet dwar il-jedd ta' smiegh xieraq kif moghtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fosthom fis-sentenzi sucitati fl-ismijiet 'Beuze vs Belgium' moghtija mill-Grand Chamber u s-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet 'Farrugia vs. Malta' gia gie rifless fil-pozizzjoni li l-Qorti Kostituzzjonali u l-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) qeghdin jiehdu meta jikkunsidraw jekk kienx hemm ksur tal-jedd ta' smiegh xieraq. Jirrizulta li hemm zvillup fis-sens li l-fatt li stqarrija tkun ittiehdet minghajr il-prezenza tal-Avukat skont dawn l-ahhar sentenzi

> mhumiex awtomatikament jigu kkunsidrati bhala li jiksru d-dritt ghal smiegh xieraq izda li qieghed jittiehed kont tal-proceduri fit-totalita' taghhom sabiex jigi determinat jekk kienx hemm lezzjoni o meno tad-dritt ghal smiegh xieraq."

Hawnhekk il-Qorti rreferiet ukoll għas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) tas-17 ta' Ottubru 2019, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martino Aiello** u dan wara referenza kostituzzjonali li saret lilha mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' April 2018, liema referenza ġiet deċiża billi l-Qorti ddikjarat illi:

> "fic-cirkostanzi tal-kaz mhux ser ikun jirrizulta ebda lezjoni tad-dritt fondamentali tal-akkuzat Martino Aiello ghal smigh xieraq kif sancit bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali jekk isir uzu fil-guri kontra tieghu mill-istqarrija li huwa rrilaxxja lil pulizija fid-dsatax (19) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) ...".

Dan wara li l-istess Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) ikkunsidrat illi dan il-każ kien kemmxejn differenti minn dak ta' Aldo Pistella, fuq ċitat, in kwantu kuntrarjament għal Pistella, Aiello kien irrinunzja għad-dritt tiegħu li jikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogatorju tiegħu u ma ġiex muri li huwa xtaq li jkollu avukat preżenti waqt l-interogazzjoni. In oltre fil-fehma tal-Qorti, ir-rikorrenti naqas milli juri li huwa kellu jitqies bħala persuna vulnerabbli u lanqas irriżultat xi prova fis-sens illi ċ-ċirkostanzi li fihom ittieħdet l-istqarrija kienu għalih intimidanti. Ir-rikorrenti lanqas ma attakka l-volontarjeta` tal-istqarrija tiegħu u ma qajjem l-ebda lment dwar l-istess stqarrija, iżda talab lill-Qorti Kriminali sabiex ikun jista' jressaq eċċezzjoni dwar l-inammissibilità tal-istqarrija biss minħabba dak deċiż mill-Qorti Ewropea fil-każ ta' Borg. Finalment, qieset ukoll illi kien fl-interess pubbliku li jiġi investigat u mressaq sabiex jiġi ġudikat mill-Qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali stante li nqabad in flagrante jittraffika d-droga f'Malta. B'sentenza tas-27 ta' Marzu 2020 il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat is-sentenza tal-Ewwel Qorti.

Is-sentenzi fuq ċitati huma lkoll konkordi f'aspett speċifiku u ċioe` li f'kull każ l-istqarrija ma kinitx l-unika prova mressqa in sostenn tal-akkużi dedotti.

Fis-sentenza tagħha **Il-Pulizija vs Carmel Polidano et** imbagħad, il-Qorti tal-Appell Kriminali kkonkludiet illi:

> "Din il-Qorti temfasizza li d-dritt li suspettat ikollu Avukat prezenti minn stadju bikri tal-investigazzjoni mhijiex limitata ghal persuni kkunsidrati vulnerabbli. Anke persuni li kellhom diversi kundanni

precedenti kontra taghhom u li ghalhekk huma intizi fil-mod ta' kif jittiehdu l-interogazzjonijiet kif ukoll persuni li l-Avukat Generali jirreferi ghalihom bhala b'esperjenza f'varji oqsma tan-negozju ukoll ghandhom dritt li jkollhom Avukat prezenti minn stadju bikri tal-investigazzjoni. Il-ligi ma tiddistingwix bejn persuna u ohra. Huwa d-dritt ta' kull persuna li jkun assistit minn Avukat anke matul l-interrogazzjoni. Mhuwiex kontestat li fiz-zmien li ttiehdu l-istqarrijiet kif ukoll ix-xhieda ta' uhud mill-akkuzati quddiem l-espert Vincent E. Ciliberti fl-istadju tal-inkjesta, l-ligi ma kinitx taghti jedd lil suspettati biex ikollhom Avukat prezenti waqt it-tehid tal-istqarrija. Biss pero' issa li l-ligi tipprovdi ghal dan id-dritt, huwa rikonoxxut u accettat li d-dritt ghal smiegh xieraq ghandu jigi rispettat minn stadju bikri tal-investigazzjoni.

Din il-Qorti filwaqt li tirrikonoxxi li kien hemm zvilupp sinifikattiv f'dawn l-ahhar xhur, fejn il-Qrati qeghdin iharsu lejn il-proceduri fit-totalita' taghhom sabiex jigi deciz jekk kienx hemm lezzjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq, din il-Qorti tissotolinea li bl-ebda mod ma hemm uniformita' fil-kunsiderazzjonijiet u decizjonijiet tal-Qrati dwar jekk stqarrijiet u dikjarazzjonijiet mehuda matul l-investigazzjoni minghajr id-dritt tal-prezenza tal-Avukat jilledux id-dritt ghal smiegh xieraq. Din il-Qorti ma ghandha l-ebda kompetenza biex tiddeciedi dwar lezjoni o meno ta' dritt fundamentali izda trid tiddeciedi biss jekk ghandhiex tiehu in konjizzjoni stqarrijiet u dikjarazzjonijiet ohra fl-istadju tal-investigazzjoni minghajr id-dritt li suspettati jkunu assistiti minn Avukat. Din il-Qorti ghalhekk tqis li gialadarba qieghdin fi stadju ta' revizjoni, filwaqt li bl-ebda mod ma hija tiddikjara li sehh xi ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq, tiddeciedi li sabiex ma jkunx hemm ir-riskju ta' xi ksur, kwalunkwe dikjarazzjoni, stqarrija jew xhieda moghtija mill-imputati Carmel Polidano, Michael Mercieca u Muhammad Saleem fl-istadju tal-investigazzjoni u l-inkjesta minghajr il-prezenza tal-Avukat bhala inammissibli."

Irid jingħad ukoll madankollu illi riċentement fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Jannar 2021, fl-ismijiet **<u>Morgan Onuorah vs L-Avukat tal-Istat</u>**, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istqarrija rilaxxjata mir-rikorrenti fid-19 ta' Frar 2010, meta allura persuna suspettata kellha l-jedd li titkellem ma' avukat biss qabel l-interrogazzjoni tagħha:

"26. Kif diġa` issemma, il-fatt waħdu li saret l-interrogazzjoni mhux fil-presenza ta' avukat ta' fiduċja tal-attur m'huwiex biżżejjed sabiex jagħti lok għall-ksur tad-dritt fundamentali ta' smigħ xieraq. Madankollu l-użu ta' dik l-istqarrija fil-proċeduri kriminali, li fiha l-attur ammetta għal uħud mir-reati li akkużat biha, taf twassal sabiex iseħħ dak il-ksur tal-jedd fundamentali. Dan iktar u iktar meta

tikkunsidra l-ġurisprudenza ampja tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li issa ilha s-snin tirrepeti l-istess insenjament.

27. Li s-suspettat jitkellem ma' avukat qabel l-interrogazzjoni, l-assistenza ta' avukat wara li tkun saret l-interrogazzjoni u n-natura *adversarial* tal-kawża kriminali sussegwenti, m'humiex garanzija adegwata li jirrimedjaw għad-difett li s-suspettat ma kienx assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni li saret meta kien taħt arrest. Fis-sentenza riċenti Mehmet Zeki Celebi v. Turkey (App. 27583/07) il-QEDB kompliet tisħaq:

> *"57. The onus will be on the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the case, the overall fairness of the trial was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to legal advice. The Court also reiterates that it is only in very exceptional circumstances that it can conclude that a given trial has not been prejudiced by the restriction of an applicant's right of access to a lawyer (see Dimitar Mitev v. Bulgaria, no. 34779/08, 71, 8 March 2018)".*

28. Irrispettivament taqbilx mar-raġunament ta' dik il-Qorti internazzjonali, jibqa' l-fatt li l-ġurisprudenza kienet ċara meta ngħatat is-sentenza ta' Salduz f'Novembru 2008 fis-sens li n-nuqqas ta' assistenza ta' avukat waqt interrogazzjoni tal-pulizija kienet difett proċedurali. Dan għalkemm bis-sentenza Ibrahim and Others v. the United Kingdom tat-13 ta' Settembru 2016, il-Grand Chamber għamlet enfażi fuq l-'*overall fairness*' tal-proċeduri kriminali u fis-sentenza Beuze v. Belgium tad-9 ta' Novembru 2018 l-istess qorti kompliet tiċċara kif kellu jiġi applikat dak il-prinċipju.

29. Fl-aħħar mill-aħħar il-qrati domestiċi ma jistgħux jippermettu li f'proċeduri kriminali li għadhom pendenti jitħallew stqarrijiet li jkunu saru fl-assenza ta' avukat u li l-QEDB ilha tiddeskrivih bħala difett proċedurali bil-periklu manifest li dak il-fatt jikkontamina l-proċess kriminali kollu. Illum il-ġurnata hi l-istess Qorti Kriminali li qegħda taddotta din il-posizzjoni f'deċiżjonijiet preliminari li qegħdin jingħataw (hekk per eżempju **r-Repubblika ta' Malta v. Rosario Sultana** deċiżjoni tat-23 ta' Settembru 2020 u **r-Repubblika ta' Malta v. Rosario Militello** tat-3 ta' Diċembru 2019).

30. Kien id-dmir tal-Gvernijiet differenti matul is-snin li jaġġornaw ruħhom mas-sentenzi tal-Qorti Ewropea u ma jistennewx sal-2016 sabiex jintroduċu disposizzjoni fil-Kodiċi Kriminali li s-suspettat għandu jedd għall-assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni li ssir meta jkun fil-kustodja tal-pulizija. Emenda li saret sabiex tittrasponi d-disposizzjoni tad-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew (ara

> Art. 355AT tal-Kodiċi Kriminali), li fost miżuri oħra assigurat id-dritt tas-suspettat għall-assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni mill-pulizija.
>
> Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell, b'dan li tagħti direzzjoni lill-Qorti Kriminali sabiex fil-proċeduri kriminali *The Republic of Malta v. Izuchukwu Morgan Onourah* (att ta' akkuża numru 11/2015) ma tippermettix l-użu bħala prova tal-istqarrija li l-appellant kien ta waqt li kien fil-kustodja tal-pulizija."

Illi fil-każ fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs Stefano Caruana** deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-18 ta' Mejju 2021, il-Qorti qalet hekk dwar l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar l-24 ta' Ottubru 2014, li sussegwentement ġiet ikkonfermatha minnu bil-ġurament quddiem Maġistrat:

> "Illi ghalhekk din il-Qorti trid tara l-'overall fairness' tal-proceduri qabel ma tasal biex t[a]ra jekk l-istqarija tal-akkuzat appellant hiex ammissibli jew le u jekk kif stqarr l-Avukat Generali hemmx provi ohra li gew skartati mill-ewwel Qorti li jwasslu ghall-htija tal-akkuzat appellat
>
> …
>
> **Kunsiderazzjonijiet dwar l-ammissibilita` tax-xhieda prodotta fil-proćes-verbal**
>
> …
>
> Illi … f'dawn il-proceduri jibqa biss l-istqarrija tal-akkuzat u x-xhieda guramentata tieghu fejn ikkonferma l-istqarrija li kien irrilaxja lill-ufficcjal investigattiv ftit war al-akkadut Illi jirrizulta li fl-atti tal-proces verbal hemm kopja tal-istqarrija rilaxxjata mill-akkuzat kif fuq imfisra. Jirrizulta li l-akkuzat ghazel li jikkonferma din l-istqarija quddiem l-Magistrat ta' l-ghassa Dr Anthony Vella nhar l-24 ta' Ottubru ,2014 pero ma jirrizultax li huwa inghata la d-dritt ta' silenzju li seta ghazel li ma jixhedx biex ma jinkriminax ruhu u lanqas id-dritt li jikkonsulta ma avukat qabel ma ghadda biex jikkonferma l-istqarrija tieghu u lanqas ma gie spejgat lilu l-obbligu tal-inferenza. L-Magistrat minnufih qabad u wera l-istqarrija esebita fl-atti a fol. 5 lill-akkuzat u talbu jgharaf il-firma tieghu u jekk jikkonfermax il-kontenut taghha.
>
> Mhemmx dubbju li l-Magistrat ukoll kellu jghati dawn id-drittijiet fundamentali u kadinali lill-akkzuat u cioe li seta ma jixhedx biex ma jinkrimianx ruhu, li jispegalu l-obbligu tal-inferenza u l-import li jikkonsulta ma avukat jew prokuratur legali. Minn dan ma gara xejn. Id-dritt ta' silenzju kif ukoll l-obbligu tal-inferenza kienu gja parti mll-

> ligi domestika fiz-zmien meta l-akkuzat appellat irrilaxja l-istqarrija tieghu.
>
> Ir-regola ta' inferenza f'dan ir-rigward ma ghadhiex tezisti fil-ligi ta' Malta pero l-fatt li din ir-regola ma ghadhiex applikabbli, ma jfissirx li l-akkuzat kieku fiz-zmien li ttiehdet l-istqarrija ma kinitx tapplika r-regola tal-inferenza kien xorta wahda jaghzel li jirrispondi ghad-domandi u jaghti dik l-informazzjoni moghtija fl-istqarrija tieghu. Ghalhekk din il-Qorti tqis li mill-overall fairness tal-process jidehr car li l-akkzuat gi[e] priv mid-drittijeti kardinali tieghu kemm quddiem l-ufficcjal investigatttiv kif ukoll quddiem l-awtorita gudizzjajra meta xehed quddiem l-Magistrat ta' l-Ghassa.
>
> Jirrizulta bic-car li l-kaz tal-prosekuzzjoni huwa imsawwar u mibdni fuq l-istqarrija rilaxxjata mill-akkuzat, liema stqarriaj giet konfermata quddiem l-Magistrat ta' l-ghassa. Jirrizulta li din l-istqarria jgiet rilaxxjata meta l-akkuzat ma inghatax id-dritt li jkun assistit minn avukat tal-ghazla tieghu. Inghata biss id-dritt li jikkonsulta avukat qabel ma irrilaxxja l-istqarrija. Li hu inkwetanti pero li l-akkuzat ma inghatax l-obbligu tal-inferenza li dak iz-zmien kien jifforma parti integrali mill-ligi domestika ta' Malta. Jirrizulta ukoll li l-akkuzat ghazel li jkkonferma din l-istqarrija quddiem il-Magistrat tal-ghassa izda hawnhekk ghal darb ohra hawn nuqqas kbir. L-akkzuat ma inghatax la id-drit tas-silenza, la d-dritt li jkun assistit minn avuakt u anqas ma gie spjegat lilu l-obbligu tal-inferenza. Huma dawn in-nuqqasijiet li iwaslu lil Qorti tiddeecidi li l-overall fairness tal proceduri kienu tali li vjolaw id-drittiejti tal-akkuzat."

Huwa evidenti illi jeħtieġ li din il-Qorti teżamina ċ-ċirkostanzi li għandha quddiemha mhux mill-ottika ta' ksur tal-jedd għal smiegħ xieraq stante li m'għandhiex kompetenza li tagħmel dan, iżda sempliċiment mil-lat tal-valur probatorju li għandhom jingħataw l-istess stqarrijiet, tenut kont madankollu tal-ġurisprudenza fuq indikata. Fil-każ odjern, il-Qorti tqis illi meta rrilaxxjat l-istqarrijiet tagħha, l-imputata għamlet dikjarazzjonijiet ferm inkriminanti dwar reati serji li jġorru magħhom piena ta' priġunerija effettiva. F'dawn iċ-ċirkostanzi, fid-dawl tas-sentenza **Morgan Onuorah vs L-Avukat tal-Istat** appena ċitata, sabiex ma jkun hemm l-ebda riskju ta' ksur tad-drittijiet tal-imputata, il-Qorti jidhrilha illi m'għandhiex tistrieħ fuq l-istqarrijiet tagħha bħala prova u għalhekk qegħda tiskartahom.

Fir-rigward il-Qorti tqis illi dan għandu japplika wkoll għax-xhieda tal-istess imputata quddiem il-Maġistrat (illum Imħallef) Dr. Consuelo Scerri Herrera, fejn l-imputata kkonfermat l-istqarrija tagħha tas-6 ta' Novembru 2012 bil-ġurament. Il-Qorti tqis illi mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea huwa evidenti li m'huwiex biżżejjed li jiġi assigurat li s-suspettat jew l-arrestat ikun ġie mwissi li għandu d-

dritt għas-silenzju, iżda għandu jingħata wkoll id-dritt għall-assistenza legali sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni tal-pulizija. Il-Qorti Ewropea ma jidhirx li tagħmel distinzjoni bejn stqarrija rilaxxjata lill-pulizija u xhieda quddiem awtorita` gudizzjarja fil-fażi tal-investigazzjoni, minkejja li din tal-aħħar hija indipendenti mill-Pulizija Eżekuttiva. Fil-fehma tal-Qorti, la darba dan id-dritt għandu jingħata meta persuna arrestata tagħmel stqarrija lill-pulizija, anzi mill-fażijiet inizzjali tal-investigazzjoni, l-istess għandu japplika fir-rigward ta' xhieda quddiem awtorita` gudizzjarja, f'dan il-każ il-Maġistrat tal-Għassa, b'mod partikolari meta wieħed iqis illi tali xhieda, min-natura tagħha u proprju għaliex hija ġuramentata, għandha iżjed saħħa u valur probatorju minn stqarrija rilaxxjata lill-pulizija. Il-Maġistrat f'dan il-każ aċċertat ruħha illi l-istqarrija rilaxxjata mill-imputata ingħatat minnha volontarjament, iżda oltre minn hekk, ma kinitx f'posizzjoni li taghtiha d-dritt għall-assistenza legali waqt l-istess xhieda, la darba dan ma kienx possibbli taħt il-liġi Maltija. Effettivament jirriżulta wkoll illi lanqas ma spjegatilha d-dritt tagħha għas-silenzju u li dak li jingħad minnha, seta' jinġieb bħala prova fil-konfront tagħha, kif fil-fatt sar, għalkemm dan kien diġa` sar mill-Uffiċjal Investigatur qabel l-istqarrija tas-6 ta' Novembru 2012. Fil-fehma tal-Qorti, minkejja l-indipendenza u l-imparzjalita` tal-Maġistrat, dan tal-aħħar m'għandux il-funzjoni ta' avukat difensur, ma jaġixxix ta' sostitut tiegħu, anzi ċertament li m'huwiex tenut u m'għandux jagħti pariri lill-persuna suspettata jew arrestata li tidher quddiemu biex tiġġuramenta l-istqarrija tagħha jew sabiex tixhed. F'dan il-każ, diġa` kien evidenti minn dak li kienet stqarret mal-pulizija, illi eventwalment l-imputata kienet ser tiġi akkużata bir-reati li bihom ġite mixlija f'dawn il-proċeduri. F'dawn iċ-ċirkostanzi, tenut kont kemm tal-fatt illi l-imputata ma kellhiex il-jedd li tkun assistita minn avukat waqt din ix-xhieda tagħha, u lanqas ma ngħatat id-dritt tas-silenzju, in linea mas-sentenzi ċitati iżjed 'il fuq, il-Qorti qed tqis ix-xhieda tal-imputata quddiem il-Magistrat tas-6 ta' Novembru 2012 bħala nieqsa minn kwalunkwe valur probatorju u m'hijiex ser tieħu konjizzjoni tagħha.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi kunsiderazzjoni oħra li trid tagħmel din il-Qorti hija dwar is-siwi probatorju tal-istqarrijiet ġuramentati ta' Odette Ciantar u Loriana Azzopardi li jiffurmaw parti mill-atti proċesswali. F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Pierre Gravina** tas-26 ta' Mejju 2003, permezz ta' liema ingħad is-segwenti:

> "Issa huwa principju generali li "…ix-xhieda ghandhom dejjem jiġu eżaminati fil-Qorti u viva voce" (Artikolu 646(1), Kap. 9). Għal din ir-regola, pero`, hemm ċerti eċċezzjonijiet li jipprovdi għalihom l-istess Artikolu 646 fis-subartikoli li jiġu wara s-subartikolu (1). Hemm ukoll l-eċċezzjoni tad-deposizzjoni meħuda in segwitu għall-ħrug ta' ittri

rogatorjali bil-proċedura traċċjata fl-Artikolu 399 tal-Kodiċi Kriminali, proċedura li ġiet ritenuta applikabbli anke għal kawżi sommarji (ara Il-Pulizija v. Angelo Grima App. Krim. 18 ta' Ottubru, 1952), u li fil-prattika ġiet ukoll applikata mill-Qorti Kriminali f'xi każijiet wara l-ħruġ tal-att ta' akkuża. U hemm l-eċċezzjoni ta' meta xhud jinstema' f'daru minħabba mard jew xjuħija (Art. 647, Kap. 9). Jiġi osservat li anke fil-każ ta' xiehda permezz ta' rogatorji u ta' xhieda li jinstemgħu f'darhom, l-imputat jew akkużat għandu dejjem il-jedd li jkun presenti waqt is-smigħ tax-xhud jew li jaħtar rappresentant tiegħu għal waqt tali smigħ – Art. 647(3) u 399(2). L-ewwel sentenza tal-Artikolu 30A tal-Kap. 101 taghmilha ċara li dak l-Artikolu qed jipprovdi ukoll eċċezzjoni, pero` mhux eċċezzjoni għar-regola kontenuta fl-Artikolu 646(1) tal-Kodiċi Kriminali iżda għar-regola kontenuta fl-Artikolu 661 ta' l-istess Kodiċi. Minn dan isegwi, li anke meta l-prosekuzzjoni tkun trid taghmel użu minn dikjarazzjoni ġuramentata meħuda skond l-imsemmi Artikolu 30A, ir-regola għandha tkun li minn ikun għamel dik l-istqarrija għandu jinġieb fil-qorti biex l-imputat jew akkużat ikun jista' jikkontro eżaminah dwarha. S'intendi, dan ma jfissirx li jekk ix-xhud, meta jiġi eżaminat jew kontro-eżaminat, ibiddel jew jirritratta minn dak li jkun qal fid-dikjarazzjoni ġuramentata, allura dik id-dikjarazzjoni (jew il-parti mibdula jew ritrattata) ma tkunx aktar tista' tittieħed bħala prova kontra l-akkużat; il-gudikant jista' xorta waħda, wara li jkun sema' lix-xhud, jasal għall-konkluzzjoni li il-verita` hija dik kontenuta fl-istqarrija ġuramenetata u mhux dak li jkun iddepona fil-qorti x-xhud. Ifisser biss li, bħala regola, min ikun għamel tali stqarrija ġuramentata għandu jinġieb il-qorti għall-fini ta' kontroll da parti tal-akkużat jew imputat. F'dan is-sens ukoll esprimiet ruhha l-Qorti Ewropea fil-kawza **Kostovski v. Netherlands** (20 ta' Novembru, 1989) meta qalet li d-dritt ta' akkużat li jikkonfronta xhud miġjub kontra tiegħu

**does not mean, however, that in order to be used as evidence statements of witnesses should always be made at a public hearing in court: to use as evidence such statements obtained at the pre-trial stage is not in itself inconsistent with paragraphs (3)(d) and (1) of Article 6, provided the rights of the defence have been respected. As a rule, these rights require that an accused should be given an adequate and proper opportunity to challenge and question a witness against him, either at the time the witness was making his statement or at some later stage in the proceedings.**[40]

Fil-każ in diżamina Mentosa la ġie prodott mill-prosekuzzjoni fil-qorti peress li kien telaq minn Malta definittivament, u anqas ittiehdet id-deposizzjoni tiegħu permezz tal-proċedura tar-rogatorji. L-ewwel qorti,

[40] (1990) 12 E.H.R.R.434, para. 41.

> għalhekk, kellha tiskarta l-istqarrija ġuramentata tiegħu u mhux, kif effettivament għamlet, tistrieħ in parti fuqha…”.

F’dik is-sentenza, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet ukoll illi:

> “Għal kull buon fini l-Qorti tosserva li l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea ma teskludix l-ammissibilita` ta’ stqarrijiet magħmula minn persuni li in segwitu qatt ma jinġiebu bħala xhieda fil-proċess. Dak li dik il-Qorti tara biex tiddetermina jekk kienx hemm jew le smiegħ xieraq hu jekk dawk l-istqarrijiet kienux l-unika prova kontra l-akkużat, jew kinux altrimenti prova determinanti biex huwa jinstab ħati.”

Fl-istess sens hija wkoll is-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-8 ta’ April 2010, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta’ Malta vs Matthew-John Migneco**, fejn ingħad illi:

> “S’intendi, dana l-Artikolu 30A tal-Kap. 101 irid dejjem jinqara fid-dawl tad-disposizzjonijiet ġenerali tal-Kodiċi Kriminali (eċċetwat l-Artikolu 661 tal-istess Kodici, li għalih l-Artikolu 30A jagħmel deroga espressa). Issa, l-Artikolu 549(4) (u ma jistax ikun hemm dubju li l-intervent ta’ Maġistrat taħt is-subartikoli (12) u (13) tal-Art. 24A tal-Kap. 101 hija forma ta’ inkjesta dwar l-in genere b’modalitajiet kemm xejn differenti meħtieġa għall-finijiet tal-istess Kap. 101) u 646(2) tal-Kap. 9 huma ċari fil-portata tagħhom: id-deposizzjoni regolarment mogħtija fl-inkjesta dwar l-in genere … tista’ tingieb bhala prova, u mhux sempliċiment għall-finijiet ta’ kontroll, basta, pero`, li x-xhud jinġieb ukoll fil-qorti biex jiġi eżaminat viva voce … ħlief jekk ix-xhud ikun mejjet, ikun barra minn Malta jew ma jkunx jista’ jinstab… (ara l-proviso tas-subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu 646).”

Fis-sentenza tal-Qorti Kriminali tas-6 ta’ Lulju 2016, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta’ Malta vs Charles Paul Muscat**, wara li dik il-Qorti għamlet referenza għall-Artikolu 30A tal-Kap. 101, kif ukoll għall-Artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali, li għalih l-imsemmi Artikolu 30A jagħmel eċċezzjoni, ingħad hekk:

> “Issa allura dan ifisser illi ai termini tal-artikolu 30A tal-Kapitolu 101 Marlon Apap u Brian Godfrey Bartolo ghandhom jitqiesu illi huma ‘a competent witness’ fil-konfront tal-akkuzat ghalkemm fiz-zmien meta huma offrew id-depozizzjoni taghhom kienu ghadhom jitqiesu bhala ko-akkuzati billi l-proceduri kriminali fil-konfront taghhom dwar l-istess fatti addebitati lill-akkuzat odjern kienu ghadhom ma gewx konkluzi. Li hu cert huwa illi sakemm il-kaz taghhom jigi deciz dawn iz-zewg xhieda ma humiex ‘a compellable witness’ u cioe’ ma jistghux jigu imgieghla jaghtu id-depozizzjoni taghhom billi ghandhom id-dritt sancit mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem illi ma jwiegbu ghall-ebda mistoqsija li tista’ b’xi mod

tinkriminahom. Fil-fatt meta huma offrew id-depozizzjoni taghhom matul il-kumpilazzjoni ghazlu li juzufruwixxu minn dan il-jedd u ma xehdux. Issa id-difiza targumenta illi gialadarba l-akkuzat ma nghatax il-jedd li jikkontrolla dak mistqarr minn dawn it-tnejn min-nies fl-istqarrija guramentata taghhom li tinsab esebita in atti, din il-prova f'dan l-istadju hija inammissibbli u ghandha tigi skartata u dan fid-dawl ta' dak deciz superjorment fid-decizjoni ta' 'Gravina' supra citata. Dan ghaliex l-artikolu 30A ma huwiex eccezzjoni ghal dak dispost fl-artikolu 646 tal-Kodici Kriminali fejn hemm espressament stipulat illi "**ix-xhieda għandhom dejjem jiġu eżaminati fil-Qorti u viva voce**."

Illi l-akkuzat kien ikollu ragun fl-argumenti minnu imressqa li kieku dawn iz-zewg xhieda ghazlu li ma jixhdux matul is-smigh tal-guri. Illi allura il-Qorti u cioe' l-Imhallef togat ikun irid necessarjament jaghti direzzjoni lill-imhallfin tal-fatti u cioe` lill-gurati meta jigu biex jiznu din il-prova mressqa mill-Prosekuzzjoni. Izda dan jista' isir biss fl-istadju meta allura ikun qed jinstema' il-process penali fil-konfront tal-akkuzat. Illi ghalhekk ghalkemm gustament l-akkuzat talab id-direzzjoni tal-Qorti f'din l-ewwel eccezzjoni sollevata minnu ghar-rigward tal-validita' probatorja tal-istqarrijiet guramentati li jinsabu fl-atti bhala prova li giet kumpilata fl-istadju li jipprecedi l-guri mill-Qorti Istruttorja, madanakollu huwa prematur ghall-Qorti li tiddikjara tali prova bhala wahda inammissibbli meta z-zewg xhieda Marlon Apap u Brian Godfrey Bartolo it-tnejn indikati bhala xhieda tal-Prosekuzzjoni ghad iridu joffru id-depozizzjoni taghhom fil-guri. Izda jekk f'dak l-istadju huma jiddikjaraw li ser jaghzlu li ma jixhdux biex ma jinkriminawx irwiehom fil-process penali li jkun ghadu pendenti fil-konfront taghhom, imbaghad f'dak l-istadju il-gurati ghandhom jigu ggwidati meta jigu biex jiznu il-valur probatorju tal-istqarrijiet guramentati u dan ghaliex "**The right to a fair administration of justice holds so prominent a place in a democratic society that it cannot be sacrificed to expediency**."

Dan ghaliex kif gie deciz fil-kaz Luca v Italy [(2003) 36 EHRR 46], inghad millQorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem:-

"**As the court has stated on a number of occasions . . . it may prove necessary in certain circumstances to refer to depositions made during the investigative stage (in particular where the witness refuses to repeat his deposition in public owing to fears for his safety, a not infrequent occurrence in trials concerning Mafia-type organisations). If the defendant has been given an adequate and proper opportunity to challenge the depositions, either when made or at a later stage, their admission in evidence will not in itself contravene Article 6.1 and 3(d). The corollary of that, however, is that where the conviction is both solely or to a decisive degree based**

> **on depositions that had been made by a person whom the accused has had no opportunity to examine or to have examined, whether during the investigation or at the trial, the rights of the defence are restricted to an extent that is incompatible with the guarantees provided by Article 6**."
>
> Dan ifisser allura illi hemm erba' kriterji li jridu jigu ikkunsidrati:
>
> 1. Illi x-xhieda bhala regola trid tinghata viva voce fil-Qorti fejn l-akkuzat ikollu kull opportunita' li jikkontrolla dak li jghid ix-xhud.
>
> 2. Il-fatt illi x-xhieda ma jixhdux madanakollu ma ghandux iwassal ghall-inammissibilita` tal-istqarrija minnhom rilaxxata fl-istadju tal-investigazzjonijiet jew fil-pre-trial stage u dan ghaliex irid jittiehed in konsiderazzjoni l-fatturi kollha tal-kaz, bhal per ezempju fil-kaz meta xhud ma jistax jingieb jixhed ghax ikun miet.
>
> 3. L-affidabbilita ta' dik l-istqarrija u tax-xhud li jkun irrilaxxjaha.
>
> 4. Finalment jekk dik ix-xhieda guramentata wahedha hijiex l-unika prova inkriminanti u deciziva fil-konfront tal-persuna akkuzata."

Stabbiliti dawn il-prinċipji legali, il-Qorti tqis illi għandha tistabilixxi x'valur probatorju għandha tingħata x-xhieda ta' Odette Ciantar u Loriana Azzopardi quddiem il-Maġistrat, la darba dawn baqgħu ma xehdux f'dawn il-proċeduri.

**Odette Ciantar** irrilaxxjat stqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva fil-5 ta' Novembru 2012 u stqarrija oħra fis-6 ta' Novembru 2012. Sussegwentement, fis-7 ta' Novembru 2012 ikkonfermat l-istqarrijiet tagħha quddiem il-Maġistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera.

Da parti tagħha **Loriana Abdilla** irilaxxjat stqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva fis-7 ta' Novembru 2012 u kkonfermatha quddiem il-Maġistrat Dr. Miriam Hayman fit-8 ta' Novembru 2012.

Kif ingħad iżjed 'il fuq, minkejja li Odette Ciantar u Loriana Azzopardi tressqu bħala xhieda mill-Prosekuzzjoni f'dawn il-proċeduri, kemm Ciantar kif ukoll Azzopardi baqgħu ma xehdux, u dan stante illi huma għażlu li jużufruwixxu mill-jedd tagħhom li ma jinkriminawx ruħhom, fid-dawl tal-fatt li kien għad hemm proċeduri pendenti fil-konfront tagħhom. Dan ifisser illi d-difiża ma kellhiex l-opportunita` illi tikkontrolla x-xhieda ta' Ciantar u ta' Azzopardi billi tagħmel il-kontro-eżami tagħhom. Għaldaqstant, il-Qorti qed tqis ix-xhieda ta' Odette Ciantar u ta' Loriana Azzopardi quddiem il-Maġistrati msemmija bħala

inammissibbli u konsegwentement qed tiskartahom, kif qed tiskarta wkoll kull referenza li saret mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni għal tali dikjarazzjonijiet.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Jirriżulta mill-atti proċesswali illi nhar il-5 ta' Novembru 2012, l-imputata twaqqfet ġewwa l-bini tal-Qrati, quddiem l-Awla 1, fejn dakinhar kienet qed tinżamm seduta quddiem il-Maġistrat Dr. Edwina Grima. Stante li l-Pulizija kellha nformazzjoni illi l-imputata odjerna kienet ser tgħaddi d-droga lil ċertu David Gatt, hija ġiet imwaqqfa mill-Pulizija kif ingħad u ttieħdet ġewwa l-Għassa tal-Belt sabiex issirilha tfittxija. Minn jeddha, qabel bdiet din it-tfittxija, l-imputata stess għaddiet borża b'sustanza li kienet moħbija fil-*bra* tagħha lil WPS 237 u lil WPS 217, li kienu ser iwettqu t-tfittxija fuq l-istess imputata.

Fir-rigward jibda biex jingħad illi mir-relazzjoni tax-**Xjenzat Godwin Sammut** jirriżulta illi l-borża bis-sustanza li l-imputata għaddiet lill-Uffiċjali tal-Pulizija kienet tikkontjeni d-droga eroina. Il-piż tat-trab kontenenti l-istess droga kien ta' 0.81 grammi, fil-waqt illi purita` kienet ta' ċirka 32%.

Jirriżulta wkoll mill-istqarrija ta' **Philippa Attard**, liema stqarrija kif ingħad ġiet ikkonfermatha minnha bil-ġurament tagħha quddiem il-Maġistrat (illum Imħallef) Dr. Miriam Hayman, illi fil-jum ta' qabel, ossia nhar l-4 ta' Novembru 2012 hija kienet marret tara lil David Gatt ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin, u dan talabha sabiex l-għada, it-Tnejn, hija teħodlu l-eroina l-Qorti. Fuq struzzjonijiet tiegħu hija akkwistat gramma eroina minn Ħal Qormi. Dakinhar stess, waqt illi kienet qegħda d-dar tagħha flimkien mal-imputata odjerna, ċemplilha David Gatt fuq it-telefon tad-dar u kellem lill-imputata u talabha sabiex it-Tnejn takkumpanja lil Attard il-Qorti. Meta tkellmu t-Tnejn filgħodu, Attard u l-imputata ftehmu li jmorru flimkien u daħlu l-Belt bil-karozza tal-imputata. Attard għadditilha l-eroina u ftehmu bejniethom li kienet ser iddaħħal id-droga l-Qorti l-imputata, għaliex Attard bdiet tibża'. X'ħin waslu l-Qorti, Attard daħlet qabel l-imputata u hekk kif l-imputata daħlet fil-bini tal-Qorti, Attard qaltilha sabiex ma toqgħodx qrib tagħha stante illi l-Pulizija kienu jafuha ma' David Gatt. Tgħid ukoll illi mbagħad rat lill-Pulizija jagħmlu tfittxija fuq l-imputata u fil-frattemp hija ġiet imsejjħa biex tidħol fl-Awla quddiem il-Maġistrat Dr. Edwina Grima, stante li kellha kawża. Waqt li kien għaddej dan kollu, Gatt kien għadu fil-*lock up* tal-Qorti u ttella' fl-Awla ftit tal-minuti wara, meta Attard qaltlu li l-imputata nqabdet mill-Pulizija.

Fix-xhieda tagħha f'dawn il-proċeduri, **Philippa Attard** tikkonferma illi fil-5 ta' Novembru 2012, hija għaddiet id-droga lill-imputata odjerna u tgħid illi fil-għodu qabel il-Qorti, iltaqgħu u hija (ossia x-xhud) tat id-droga lill-istess imputata, liema droga hija kienet xtratha qabel, sabiex tgħaddiha lil David u dan b'referenza għal

David Gatt. Dakinhar Gatt kellu jitla' l-Qorti u għalhekk hi u l-imputata marru l-Qorti u lill-imputata saritilha tfittxija barra l-awla tal-Maġistrat Dr. Edwina Grima. Tgħid illi d-droga ma riditx tgħaddiha lil Gatt hi, għaliex beżgħet li tinqabad. Tgħid ukoll illi lill-imputata saret tafha ftit xhur qabel tramite David Gatt, meta dan kien diġa` l-ħabs, u saru ħbieb.

Dwar dan il-Qorti tikkunsidra illi kien x'kien il-ftehim jew l-intendiment bejn Attard u l-imputata odjerna u dan fis-sens illi kinitx Attard jew l-imputata li kienu ser jgħaddu d-droga lil David Gatt ġewwa l-Awla tal-Qorti, jirriżulta ċar minn din ix-xhieda ta' Attard – liema xhieda l-Qorti m'għandhiex għalfejn ma temminnix mhux biss għaliex hija korroboratta f'numru ta' aspetti, kif ser jingħad iżjed 'il quddiem, imma wkoll għaliex Attard lanqas ma qgħadet lura milli tammetti l-involviment tagħha f'dan kollu – illi d-droga eroina li nstabet fil-pussess tal-imputata ma kinitx intiża għaliha, iżda għal David Gatt. In linea max-xhieda ta' l-istess Attard, jirriżulta illi l-imputata kienet fil-pussess tal-eroina, moħbija fuq il-persuna tagħha, u ġiet imwaqqfa mill-Pulizija ġewwa l-bini tal-Qorti, proprju quddiem l-Awla numru 1, fejn kellha tinstema' l-kawża ta' David Gatt. Fil-fatt mill-atti tal-proċess verbal tal-inkjesta li saret dwar dan il-każ, senjatament mix-xhieda ta' John Muscat, dak iż-żmien Deputat Reġistratur addett mal-Maġistrat Dr. Edwina Grima, jirriżulta illi dakinhar tal-5 ta' Novembru 2021, kellha tinstema' kawża fil-konfront ta' ċertu David Gatt.[41] Jirriżulta wkoll mix-xhieda ta' Dennis Thornton, stazzjonat ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin, illi l-istess David Gatt dak iż-żmien kien detenut ġewwa l-istess Faċilita`, kif ukoll illi dakinhar tal-5 ta' Novembru 2012, fil-għodu Gatt ittieħed ġewwa l-Qorti stante li kellu kawża, u illi dan ġie eskortat mix-xhud ġewwa l-Awla numru 1, fejn kienet qed tippresjedi l-Maġistrat Dr. Edwina Grima.[42]

Issa huwa minnu illi f'din il-parti tal-atti proċesswali ma tirriżultax il-prova li David Gatt indikat fuq il-lista tal-kawżi li kellhom jinstemgħu fil-5 ta' Novembru 2012 quddiem il-Maġistrat Dr. Edwina Grima, kien proprju l-istess David Gatt li kienet qegħda tirreferi għalih Philippa Attard, pero` apparti li dan jixhdu l-Ispettur Malcolm Bondin, fis-sens illi meta daħlet l-informazzjoni lill-Pulizija li l-imputata kellha tgħaddi d-droga lil Gatt ġewwa l-bini tal-Qorti, huwa kkonferma illi David Gatt dakinhar verament kellu kawża, meta wieħed iqis ix-xhieda ta' Attard, flimkien max-xhieda ta' John Muscat u Dennis Thornton, kif ukoll il-fatt li l-imputata odjerna kienet fil-pussess ta' borża bid-droga eroina, proprju quddiem l-Awla numru 1, il-Qorti ma jibqgħalha l-ebda dubju mill-veraċita` tax-xhieda ta' Philippa Attard. Irid jingħad ukoll illi l-isem Philippa Attard ukoll jidher indikat fil-lista tal-kawżi li dakinhar instemgħu quddiem il-Maġistrat Dr. Edwina Grima, u dan ikompli jikkorrobora dak li tgħid l-istess xhud fis-sens illi

[41] Ara a. fol. 63 sa 66 tal-proċess.
[42] Ara a fol. 67 u 68 tal-proċess.

hija rat lill-Pulizija jagħmlu tfittxija fuq l-imputata, iżda fil-frattemp ġiet imsejjħa tidħol fl-Awla quddiem il-Maġistrat Dr. Edwina Grima, stante li kellha kawża.

Ifisser għalhekk la darba jirriżulta ċar illi l-imputata kienet fil-pussess tad-droga eroina, mogħtija lilha minn Philippa Attard, sabiex din tingħata lil David Gatt, illi l-pussess tal-istess eroina da parti tal-imputata kien wieħed aggravat, ossia illi dik id-droga ma kinitx intiża għall-użu personali tagħha.

Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-imputazzjoni (b) tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi fl-istqarrija ġuramentata tagħha, l-istess **Philippa Attard** tgħid ukoll illi fit-3 ta' Novembru 2012, David Gatt ċemplilha u qalilha biex tgħaddilu xi ħaġa ma' Odette Ciantar li kellha viżta ma' Gilbert Busuttil. Hija ċemplet lill-imputata, u din marret għandha, u dak il-ħin lill-imputata ċemplilha Gilbert Busuttil li talabha biex taħbi l-eroina f'qalziet. Tgħid illi hija qabdet qalziet ta' David Gatt u flimkien mal-imputata, ħbew id-droga fil-keffa tal-but tal-qalziet. Ġol-istess qalziet tefgħu żewġ pakketti li kienu għal Janis Caruana, li kienet tathomlha Loriana Abdilla xi żmien qabel u in oltre hija kellha ftit eroina d-dar u tefgħetha magħhom. L-imputata mbagħad ħietet il-keffa u għaddiet il-qalziet lil Odette Ciantar. Fi kliem l-istess Philippa Attard, "*Graziella hitet il-keffa u ma nafx minn cempel lil min pero naf li kienet giet Odette u Graziella tghata l-qalziet*".[43] Ix-xhud tgħid ukoll illi iżjed tard kien ċemplilha David Gatt min-numru tal-ħabs u qalilha li l-qalziet ma wasalx għand Gilbert Busuttil.

**Philippa Attard** tikkonferma wkoll din il-verżjoni tagħha fix-xhieda tagħha f'dawn il-proċeduri.

Illi l-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi hekk:

> "Għall-finijiet ta' din l-Ordinanza l-kelma "jittraffika" (bil-varjazzjonijiet grammatikali u bl-espressjonijiet imnisslin minnha) b'riferenza għal traffikar f'mediċina, tinkludi l-koltivazzjoni, f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li tali koltivazzjoni ma kenitx għall-użu esklussiv tal-ħati l-importazzjoni f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kinietx għall-użu esklussiv tal-ħati, il-manifattura, l-esportazzjoni, id-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, il-provvista, li wieħed joffri li jagħmel xi wieħed minn dawn l-atti, u l-għoti ta' informazzjoni intiża biex twassal għax-xiri ta' tali mediċina bi ksur ta' din l-Ordinanza".

[43] Ara a fol. 414 tal-proċess.

Fir-rigward il-Qorti tqis illi d-definizzjoni ta' traffikar fil-liġi tinkludi wkoll il-provvista tad-droga. Huwa evidenti għal din il-Qorti, li minkejja li ma kinitx l-imputata li prokurat id-droga eroina sabiex din finalment tasal fejn kellha tasal u minkejja wkoll illi ma jidhirx li din id-droga waslet għand id-destinarju jew destinarji finali tagħha, jew tal-inqas m'hemmx il-prova li din effettivament waslet ġewwa l-ħabs, biss kienet l-istess imputata flimkien ma' Philippa Attard li ħbiet id-droga eroina fil-qalziet in kwistjoni – u hawnhekk l-imputata ġiet fil-pussess tad-droga eroina li ma kinitx intiża għall-użu personali tagħha ai termini tal-imputazzjoni (b) – u finalment l-istess imputata għaddiet il-qalziet kontenenti d-droga eroina lil Odette Ciantar. B'hekk l-istess imputata provdiet id-droga lil Ciantar u għalhekk irrendiet ruħha ħatja ta' traffikar tad-droga eroina, u dan indipendentement mill-fatt illi ma tirriżultax il-prova li finalment tali droga waslet għand Gilbert Busuttil jew għand il-persuni li għalihom kienet intiża l-istess droga. Dan apparti wkoll il-fatt illi bl-azzjonijiet tagħha, l-imputata offriet li tipprovdi d-droga lil terzi persuni li kienu jinsabu ġewwa l-ħabs, anke jekk indirittament u tramite Odette Ciantar, u dan minkejja wkoll illi da parti tagħha, dan sar minnha mhux spontanjament iżda fuq rikjesta tal-istess Gilbert Busuttil u għalhekk anke minn dan il-lat, l-imputata hija ħatja tat-traffikar tad-droga eroina.

Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi sa hawn, l-imputazzjoni (a) diġa` tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.

Imbagħad mill-verżjoni mogħtija mill-istess **Philippa Attard** jirriżulta wkoll illi David Gatt kien ċemplilha u qalilha li kien hemm ftehim sabiex ċertu Duminku jmur l-isptar u illi hi kellha tmur tħallilu l-eroina miegħu. Hija rrifjutat li tagħmel dan, iżda skont Attard, l-imputata aċċettat li tmur hi. Hija marret fis-sala tal-isptar mal-imputata u ħarġet, iżda l-istess imputata daħlet u ħalliet id-droga fit-*toilet*. Tgħid illi marru lura d-dar, iżda beżgħu li dan Duminku ma qamx għad-droga għax rawh qisu mejjet, u għalhekk l-imputata pproponiet li jerġgħu jmorru lura l-isptar sabiex jiċċekkjaw jekk id-droga nġabritx. Attard tgħid illi hija beżgħet u baqgħet tistenna lill-imputata fil-karozza u wara din qaltilha li kienet tat id-droga lil Duminku f'idu stess. Id-droga li ngħatat lil Duminku kienet akkwistatha Attard dakinhar stess filgħodu u dan wara li Gatt kien bgħatha tiltaqa' ma' persuna li għaddielha boċċa sewda. Kien Gatt stess li qalilha li din kienet eroina. Tgħid illi hija ma kinitx taf min ħallas għaliha, iżda taf li kienet għal David Gatt, għal Janis Caruana u għal Gilbert Busuttil.

Dwar dan l-inċident, da parti tiegħu **Domenic Cuschieri** jixhed illi għall-ħabta ta' Ottubru 2012, kien avviċinah Gilbert Busuttil u staqsieh jekk kienx interessat li jdaħħlu xi droga ġewwa l-ħabs. Kien wegħdu illi jekk idaħħlu d-droga, huwa jagħtih nofsha. Jgħid in oltre illi Busuttil kien qallu biex jilgħabha tal-muġugħ u b'hekk jiġi rikoverat l-isptar, u illi hu (ossia Busuttil) kien ser jibgħat mara biex

tagħtih id-droga ġewwa l-isptar. Jgħid illi huwa fil-fatt mar l-isptar u kif miftiehem marret iżżuru ċerta Odette mingħalih, li kienet f'relazzjoni ma' Busuttil, u għaddietlu l-eroina li kienet fil-plastik u dan billi din marret ħdejh u għaddithielu fejn idu u huwa ħatafha. Meta din telqet minn ħdejh, hu mar it-*toilet* u ħeba d-droga fil-warrani tiegħu. Xi jumejn wara ġie rilaxxjat mill-isptar u ttieħed lura ġewwa l-Faċilita` Korrettiva, fejn ipporga d-droga u mar għaddiha lil Busuttul u talbu jagħtih sehmu, iżda kull ma ħa kienu erba' linji duħħan għax Busuttil ħaraq ftit miegħu.

Jgħid ukoll illi madwar tlett ijiem wara, mar fuqu David Gatt fid-Diviżjoni 6 u talbu sabiex jerġa' jmur l-isptar fejn kellha tmur tarah tfajla li kellha tagħtih madwar erba' grammi eroina, kif ukoll illi kien ser jaqsamha miegħu. Huwa reġa' għamel ta' bir-ruħu li ħass xi uġigħ f'qalbu sabiex jerġa' jiġi rikoverat l-isptar. F'Ottubru 2012, meta kien fadallu xi ġimgħa u nofs – u għalhekk la darba huwa jgħid illi ħareġ mill-ħabs fl-1 ta' Novembru 2012, ifisser illi dan seħħ għall-ħabta tat-tielet ġimgħa ta' Ottubru 2012 - waqt li kien qiegħed l-isptar, marret tarah tfajla qasira li ħaditlu basket b'xi affarijiet bħal pakkett *juice* u sigaretti u magħhom sab bħal forma ta' kaxxa żgħira mgeżwra fit-*tape* iswed. Hekk kif sabha, mar it-*toilet*, daħħalha fil-warrani tiegħu u reġa' mar lura fis-sodda. Wara ftit reġgħet marret tarah l-istess tfajla flimkien mat-tfajla ta' Busuttil, staqsewh jekk kienx kollox sew u telqu. Madwar jumejn wara, kienu niżluh f'sala isfel u marru jarawh it-tfajla li kienet għaddietlu d-droga, it-tfajla ta' Busuttil u tfajla oħra twila u magħluba li baqgħet lura. It-tfajla li għaddietlu d-droga u t-tfajla ta' Busuttil qalulu biex imur lura l-ħabs għaliex Busuttil u Gatt kienu *sick* mejta. L-għada Cuschieri ffirma biex joħroġ mill-isptar u mar lura l-ħabs.

Fix-xhieda tiegħu quddiem il-Maġistrat huwa jidentifika lil Odette Ciantar bħala dik li fl-istqarrija tiegħu, huwa rrefera għaliha bħala "*l-poġġuta ta' Gilbert*" ossia dik li għaddietlu d-droga li kienet intiża għal Gilbert Busuttil, identifika lill-imputata odjerna bħala t-tfajla li għaddietlu d-droga għan-nom ta' David Gatt u lil Philippa Attard bħala t-tfajla twila u magħluba, li kienet marret l-isptar maż-żewġ tfajliet l-oħra.

Il-Qorti tinnota illi kemm Attard kif ukoll Cuschieri jaqblu illi kienet l-imputata odjerna li għaddiet l-oġġett imgeżwer f'*tape* iswed lill-istess Domenic Cuschieri. Fil-waqt illi kienet Attard li ottjeniet tali oġġett bħala droga eroina mingħand terza persuna, fuq struzzjonijiet ta' David Gatt, hija għaddiet dan l-oġġett lill-imputata, li da parti tagħha, skont Cuschieri, għaddietu lilu ġewwa l-isptar. Il-Qorti tinnota wkoll illi fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, Cuschieri ħawwad fil-verżjoni tiegħu u ma kienx ċert dwar min eżattament kien għaddielu d-droga u jekk kinitx l-imputata waħedha jew ma' terza persuna illi għamlet dan. Fil-fatt l-istess Cuschieri ma kien preċiż xejn f'din ix-xhieda tiegħu u fi stadju minnhom anke jikkombina ż-żewġ okkażjonijiet li fihom huwa ngħata d-droga ġewwa l-

isptar f'okkażjoni waħda pjanata kemm minn David Gatt, kif ukoll minn Gilbert Busuttil flimkien. Lanqas ma kien ċert jekk l-imputata marritx biss darba jew inkella darbtejn l-isptar, għalkemm kien ċert li marret f'xi okkażjoni minnhom.

Dwar dan il-Qorti tqis illi għandha tistrieħ fuq ix-xhieda ta' Domenic Cuschieri *a tempo vergine* fl-ewwel lok għaliex meta din ingħatat minnu, kienu għadhom kif seħħew l-avvenimenti in kwistjoni, kuntrarjament għaż-żmien tax-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, li ngħatat kważi tliet snin wara, u fit-tieni lok, għaliex almenu fil-parti fejn implika lill-imputata, il-Qorti għandha wkoll il-verżjoni ta' Philippa Attard, li tikkonferma li kienet fil-fatt l-imputata li għaddiet l-oġġett in kwistjoni lil Cuschieri. Issa veru wkoll illi Attard ma kinitx attwalment preżenti meta dan seħħ stante li baqgħet tistenna barra għaliex beżgħet, imma x-xhieda *a tempo vergine* ta' Cuschieri tkompli tikkonferma dak li tgħid l-istess Attard u għaldaqstant, iż-żewġ xhieda jikkorroboraw lil xulxin.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis ukoll illi fl-atti ġew esebiti tliet *mobile phones* li jinsabu deskritti fir-relazzjoni tal-espert Dr. Steven Farrugia Sacco u li ġew elevati fil-mori tal-investigazzjoni odjerna. F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis ukoll illi l-Prosekuzzjoni baqgħet ma ressqet l-ebda xhud li jindika minn fejn u mingħand min ġew elevati dawn il-*mobile phones.* Madankollu fir-rigward tal-*mobile phone* tal-għamla Samsung, mudell Wave 3 [GT-S8600], il-Qorti tinnota illi mill-kontenut tal-istess *mobile phone* jirriżulta ċar illi dan kien jappartjeni lill-imputata odjerna u dan għal diversi raġunijiet ossia illi ħafna mill-messaġġi kontenuti fl-*Inbox* tal-istess ċellurari huma ndirizzati lil 'graz', 'Gra', 'Graz' u 'grazz', jirriżultaw messaġġi fl-istess *Inbox* li permezz tagħhom il-mittenti qed jawguraw "*happy birthday*" lir-reċipjenti[44] u dan fit-22 ta' Ottubru 2012, li hija proprju d-data tat-twelid tal-imputata, u jirriżultaw ukoll numru ta' messaġġi mingħand u lil Pippa (ossia Philippa Attard) u Odette (ossia Odette Ciantar), liema messaġġi jirreferu f'partijiet minnhom għal David u Gilbert, apparti li juru dak li kien qed jiġri fiż-żmien mertu ta' dan il-każ[45] u jirreferu proprju għall-

---

[44] Ara a fol. 153 tal-proċess.

[4545] Hekk per eżempju f'messaġġ lill-imputata fit-3 ta' Novembru 2012, Pippa tirreferi għal 'dav' u tgħid illi "*...dwn ta vera qeda maritx nejx izjed bix mbati bis u qat mamilt hazen ansi lopost fej stajt dejem ejnt.listork ma dav ajitni ma nafx fej qeda u hin kolu ordnijit"* (ara a fol. 133 tal-proċess); f'messaġġ lill-imputata mingħand Odette fit-2 ta' Novembru 2012, din tgħid lill-imputata "*Cempel gilbert ta cempel david jew*" (a fol. 134 tal-proċess); f'messaġġ lill-imputata fl-1 ta' Novembru 2012, Pippa tgħidilha "*Gib dik iz zajra ta' gilbert ujol pls*" (a fol. 135 tal-proċess); f'messaġġ ieħor fit-28 ta' Ottubru 2012, Pippa tgħid lill-imputata "*...isma bilhaq ax insejt tinsix kelna inzidu ftit ta gilbert mela claw tefa ftit inqas min dik shiha*" (a fol. 143 tal-proċess); f'messaġġ lill-imputata fis-27 ta' Ottubru 2012, Odette tgħidilha "*Ada ok init il vista ejja pls*" (a fol. 145 tal-proċess); f'messaġġ fis-26 ta' Ottubru 2012, Pippa tgħidilha hekk "*Ikelem liliisni min xej adek laqas taf kem ajat ax ma mortx inhaliltu lflus ima vera ax ma stajtx jin ha nalaq halqi sakem narah imbad nara ax vera nihobu ili axar snin ima naja qeda ek*" (a fol. 146 tal-proċess); messaġġ ieħor mingħand Pippa fis-26 ta' Ottubru 2012 jgħid hekk "*...int bis serjeta ma tafx di tajdilom li mux ha tkun tista kif majafux joqodu kwi+i mejta biex inkun nafkem ha minom dav dak ta lisptar haga najdlek xol lewel naf li qalbek tad deheh u thob tjen ima lewel ara tijak*" (a fol. 147 tal-proċess); messaġġ ieħor minn Pippa fit-22 ta' Ottubru 2012 u għalhekk ftit wara l-viżta ġewwa l-isptar: "*...Usmajt xahaga min dawk taf jek marx dak lajin*" (a fol. 153 tal-proċess); messaġġ ieħor mingħand Pippa fit-12 ta' Ottubru 2012: "*Dont mes dav mob found*" u "*I dont think that any1 wil phone but i think he wanted us to know straight away just*

avvenimenti li l-Qorti tista' faċilment tallaċjahom mal-inċidenti mertu ta' dawn il-proċeduri. Finalment f'dawn il-proċeduri, l-imputata, tramite l-avukat difensur tagħha, talbet u ottjeniet ir-rilaxxa lilha tal-istess *mobile phone*, liema *mobile phone* ġie rtirat minnha personalment fil-11 ta' Lulju 2013.[46]

Jirriżulta effettivament minn dan il-*mobile phone* illi fid-19 ta' Ottubru 2012, l-imputata bgħatet messaġġ lil 'Pippa' fejn qaltilha hekk: "*Hey qalbi xx it was my pleasure vera and i m so so glad li kollox mar tjb! Avolja kellna nahdmu ma xi hadd iccassat:) vera lol ta dak id domnic, iridix ta bed ridden patient ha!!!!!*

---

*incas w would hav mes nd metion personal things*" (a fol. 166 tal-proċess); messaġġ ieħor din id-darba mingħand l-imputata lil Pippa fil-5 ta' Novembru 2012 ossia dakinhar li ġiet arrestata l-istess imputata "*Ha ncempillek daqt ta hi. Vera m andix aptit istra:( taf kemm ili tila u niezla l-qorti, kull darba li jkolli gurnata off!!! Call u soon*" (a fol. 177 tal-proċess); messaġġ ieħor mill-imputata lil Pippa fid-29 ta' Ottubru 2012 jgħid hekk: "*Kelmek David? Ara vera qed taqbizli ta x qed jahsbuni lili xi bicca mbarazz jee*" (a fol. 183 tal-proċess); messaġġ mibgħut mill-imputata lil Odette fit-28 ta' Ottubru 2012: "*Cempilli david ta…issa jriduk tmur bil hwejjeg qallek?*" (a fol. 184 tal-proċess); messaġġi mill-imputata fuq in-numru 99931909 li jidher li kien in-numru ta' Loriana Abdilla fis-27 ta' Ottubru 2012: "*…Jien ma nistax nohrog minhabba li amlu l vista ada filodu ax ma nistax inhalli l ommi mat tifel illejla u ada wkoll u odette qaltli mela nhalluwa llejla. Jien xtaqt nohrog ovja ahjar milli nmur al vista imma xi trid tamel la ssalabna bijom ajt*" u *"Ma nafux jn numru tad dar ta odette hi*", kif ukoll "*Ma nistax lor vera ma nistax li kiku taf li nigi …Li kiku m awnx itbtifel mux problema imma xi zobb ttidni namel f.oxx il vista t alla kif gbajt jaqq*", u in oltre "*U kif xebbawni lor haqq allec u jien qed nibza ta. Ma kontx naf li. Ma qaltlekx…Jien adtila ohrog ma loriana xorta hux*" (a fol. 185 tal-proċess); messaġġi oħra mill-imputata lil Odette fis-26 ta' Ottubru 2012: "*Vera mhux sewwa ta jamillek hekk wara li taqdih minn kollox. Idecidejt x ha taghmel hux sejra jew le? …*" u "*Jien haga najdlek, jekk qed tibza ddahal xejn ax tkun tider li qed tahbi xi haga u jaqbduk. Issa int taf imma jien parir ta habiba qed intik Li kiku jien jaqbilli najdlek mur bijom ada halli jien ma nidhol f xejn, imma.jien habiba ta vera tieghek u niextieqlek il gid*" (a fol. 187 tal-proċess); messaġġi oħra mill-imputata lil Pippa fis-26 ta' Ottubru 2012: "*…Jn vera nkazzata pip ax cemplet odette u qaltli ha jcemplulek dawk u ha jgaluk titlaq mix xol ada! Temmen???????*" u "*mux alek mahruqa u ddispjacuta ax vera ma jikkalkulaw xejn, il bzonnijiet tahhom biss u bla rispett istra minn fuq li nipprovaw namlu minn kollox biex nghinhom.Anke jn nixtieq inkun naf x hadu minnhom.ax jekk qed joqodu jilabu li mandom xjn hazin eh. Anke kif jitkelmu,ha jgaluk titlaq,mela jn xi.pupa jew*", kif ukoll "*Heq ara anke gilbert lili qali kif ma hallejtlu xejn lil david u jidghi kemm jiflah ax mandux flus. Jn inhossni uzata kull tant … jekk tista tifimni! Istra kif tista tkun taf li em xi hadd qed jipperikola hajtu alik imbad tittrattah qisu bicca zibel! Ma nafx eh!!!* (a fol. 188 tal-proċess); messaġġ ieħor mill-imputata lil Odette fit-23 ta' Ottubru 2012: "*Isma qalbi ta l isptar hallija ghal llejla ahjar ek fuq li gara mw nmorrux nidhlu f xi inkwiet. Issa nmur nixtri dawk u ncempilek ha nigi andek …Ma cemplitx ax ma nistax nitkellem, awn ommi hdejja ok*" (a fol. 190 tal-proċess); messaġġ ieħor mill-imputata lil Odette fl-istess jum: "*Ha ncempillek daqt imma ma nistax nitkellem sew ax aw ir ragel hdejja. Kemm tajdli fejn ha nilaqaw u nmorru and loriana flimkien ok u ssemmi xejn aktar*" (a fol. 191 tal-proċess); messaġġ mill-imputata lil Odette fl-20 ta'Ottubru 2012: "*Ma nafx kemm ha ndumu sejrin ek, sakem ninqabdu b xi haga u nispiccaw il habs mahhom*" (a fol. 195 tal-proċess); messaġġi oħra mill-imputata lil Pippa fl-istess jum: "*Bongu qalbi. Mela mort fis 6 xtrajt kocc affarijiet u sigaretti u hadtomlu u ma ridtx jiehdu l arlogg qalli ax jindunaw!!*"; "*…Xi tridni namel imma.jekk ma ridtx jiehdu! Qallu mux ha niehdu ax dak jindunaw bih…Tajd ma mortx biex nara lilu da l odu, sa sigaretti qadt nixtrilu pip ta! Ajjewni dawn in nies ostra…*"; għal dan Pippa wieġbet lill-imputata: "*Jin mux alik qed najt ta qalbi al david alfej jajdilna bix namlu ek la da maritx spicajt inqlajt al xej u infaqt flus miskina dalodu adek laqas ftaht ajnek.u jin ajini ta vera dalodu jajat haba flok twil go qalbi qat da bisserjeta qet jamel ek wara xadejna il birah…"*(a fol. 157) [u dan b'referenza għal dak li seħħ fid-19 ta' Ottubru 2012 ġewwa l-isptar]. L-imputata mbagħad twieġeb hekk: "*Naf naf jn alek ninharaq ax namel x namel kollu al.xejn, ma tikkuntentah b xejn istra dejjem.irid aktar u ma jirealizzax li tithol f hassle jahseb kollox relax*" (a fol. 195 tal-proċess); messaġġi mill-imputata lil Pippa fis-16 ta' Ottubru 2012: "*Good morning.By any chance, u know from where I can buy that i told you about yest? Ax ton is still switched off*" u "*U think he ll be at court at 9 boom jew a bit later? Ax jien ma naf lil had aktar from where to buy so ill have to wait for ton bilfors*", kif ukoll "*Ma nafx ax jien I dnt go mornings. U haqq yest ma setax b hekk i did nt get it yest…*" (a fol. 199 tal-proċess) u iżjed tard l-imputata tgħid lil Pippa: "*…Iva cempilli li tawomlom ta ok*" (a fol. 199).

[46] Ara a fol. 447 tal-proċess.

*Ikollok bzn xi haga fittixni u jekk inkun nista ha nghinek zgur...*" [47] - b'referenza ċara, fil-fehma tal-Qorti, għal Domenic Cuschieri u għal dak li kien għadu kif seħħ ġewwa l-isptar.

Bħala parti mill-provi tagħha, il-Prosekuzzjoni ppreżentat ukoll sett ta' reġistrazzjonijiet ta' *filtered calls* mill-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin għaż-żmien bejn l-1 ta' Ottubru 2012 u s-7 ta' Novembru 2012. Tajjeb jingħad illi fil-waqt illi ġew esebiti tlett CD's bir-reġistrazzjonijiet, ma ġietx mitluba li ssir u għalhekk ma saritx u ma ġietx ippreżentata t-traskrizzjoni ta' dawn it-telefonati. Fuq ic-CD's hemm indikat l-isem tal-persuna li tagħha ntalbu l-*filtered calls* biex b'hekk jirriżulta li l-Prosekuzzjoni ġabret u esebiet il-*filtered calls* li saru minn David Gatt, Janis Caruana u Gilbert Busuttil. Il-Qorti semgħet dawn ir-reġistrazzjonijiet li jammontaw għal ben ħdax-il siegħa ta' telefonati. Madakollu, ir-reġistrazzjonijiet mhumiex dejjem ta' kwalita` tajba u għalhekk id-diskors mhux dejjem jinfthiem kollu jew jinfthiem tajjeb.

Fit-telefonati tiegħu David Gatt huwa kawt ħafna fid-diskors u jirreferi għall-persuni kkonċernati b'laqmijiet jew b'mod ta' identifikazzjoni differenti u jevita li juża ismijiet. Għalkemm ma jitkellimx ċar u tond jirreferi għall-ħlas ta' flus u jagħti struzzjonijiet lin-nisa li jċempel, sabiex imorru jħallsu. Fuq kollox pero` lill-imputata jsemmiha b'isimha meta jagħti struzzjonijiet biex l-affarijiet jgħaddu għandha sabiex hi mbagħad tieħu ħsieb tmexxihom. Dan jispikka partikolarment f'telefonata li saret minn David Gatt fit-3 ta' Novembru 2012 fil-11:18 a.m., fejn David Gatt jinstema' jinsisti b'rabja mal-mara li hemm fuq in-naħa l-oħra tal-linja u li mhijiex identifikata, sabiex iċċempel lil Graziella u tgħaddilha l-affarijiet.

Imbagħad, fit-telefonata li saret minn Gatt fit-22 ta' Ottubru 2012, liema telefonata tibda b'Gatt jinstema' jgħid "*Hawn Graz*", li allura turi li kien qiegħed jitkellem proprju mal-imputata, u dan b'mod partikolari meta wieħed iqis ukoll il-kontenut tal-konversazzjoni, hija tgħid li marret fejn kellha tmur u ma' min iltaqgħet ħalfilha li ma kienx mess l-affarijiet. Tkompli tgħid li dan qalilha li jekk l-għada sal-għaxra ma jkunux bgħatuh huwa jiffirma biex jitlaq u illi lil dan hija qaltlu li tgħidx kif inhuma b'għajnejhom ħomor nar. David Gatt jinstema' jgħid li se jiġġennu u li dan ilu jgħid li ser jitlaq. L-imputata mbagħad tinstema' tgħid li tneħħielu anki d-*drip* u li għalhekk ma hemmx aktar raġuni għaliex iżommuh u tinsisti li min-naħa tagħha, minn kollox provat tagħmel biex tgħinhom. Din it-telefonata għandha tiġi abbinata ma' messaġġ fil-21 ta' Ottubru 2012 li l-imputata rċeviet mingħand 'Odette' fejn din qaltliha hekk: "*Ejja mmorru sptar jiena u init ghax cempel gilbert u david cempet init qalbi*".[48]

[47] Ara a fol. 196 tal-proċess.
[48] Ara a fol. 155 tal-proċess.

Fil-fehma tal-Qorti dan kollu jkompli jikkorrobora dak li xehed Cuschieri quddiem il-Maġistrat, meta kkonferma l-istqarrija rilaxxjata minnu lill-Pulizija. Fil-fatt huwa jgħid illi madwar jumejn wara li ġie mgħoddi lilu l-oġġett in kwistjoni, kienu niżluh f'sala isfel u marru jarawh it-tfajla li kienet għaddietlu d-droga, ossia l-imputata odjerna, it-tfajla ta' Gilbert, ossia Odette Ciantar u tfajla oħra twila u magħluba, ossia Philippa Attard, li baqgħet lura. It-tfajla li għaddietlu d-droga u t-tfajla ta' Gilbert qalulu biex imur lura l-ħabs għaliex Gilbert u David kienu *sick* mejta. L-għada Cuschieri ffirma biex joħroġ mill-isptar u mar lura l-ħabs u għadda dak li ngħata lilu lil David Gatt.

Il-Qorti qed tqis ukoll illi għalkemm la Domenic Cuschieri ma ra l-kontenut tal-oġġett lilu mogħti mill-imputata, kif lanqas ma rat il-kontenut Philippa Attard, tqis madankollu illi Philippa Attard intbgħatet għand terza persuna sabiex takkwista proprju d-droga eroina fuq struzzjonijiet ta' David Gatt u għall-istess David Gatt, liema droga ngħatat lilha f'boċċa sewda. Tant Philippa Attard kienet taf li l-oġġett in kwistjoni kien jikkontjeni d-droga, li beżgħet tgħaddiha hi lil Cuschieri ġewwa l-isptar. Fuq kollox din ma kinitx l-unika darba li Attard akkwistat id-droga għal David Gatt, oltre illi l-istess Attard kienet ukoll hija stess midħla tad-droga eroina. F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis illi ma jirriżulta xejn mill-atti proċesswali, inkluż mill-messaġġi fuq il-*mobile phone* tal-imputata jew mit-telefonati li saru minn ġewwa l-ħabs li jinduċuha sabiex tiddubita illi l-oġġett in kwistjoni kien jikkontjeni d-droga eroina, anzi proprju l-oppost. Fi kwalunkwe każ, la darba l-imputata bl-azzjonijet u bil-kliem tagħha <u>offriet li tipprovdi d-droga eroina</u> jirriżulta r-reat tat-traffikar tad-droga eroina ai termini tal-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, anke li kieku purament għall-grazzja tal-argument biss, l-oġġett li hija għaddiet lil Domenic Cuschieri ma kienx jikkontjeni d-droga eroina.

Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi <u>l-imputazzjoni (a)</u> tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.

Jibqa' biss illi l-Qorti tikkunsidra u tiddeċiedi dwar l-imputazzjoni (ċ) li permezz tagħha l-imputata qed tiġi akkużata talli daħħlet jew ippruvat iddaħħal id-droga l-ħabs.

Jirriżulta mix-xhieda ta' **Philippa Attard** quddiem il-Maġistrat Dr. Miriam Hayman, illi l-imputata kienet qaltlilha dwar inċident ieħor li fih l-istess imputata kienet għaddiet xi ħaġa lil Gilbert Busuttil fil-waqt illi bisitu. Dan kien seħħ madwar ġimgħatejn u nofs qabel, meta l-imputata u Odette [Ciantar] marru jżuru lil Busuttil ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin.

Meta wieħed iqis illi Philippa Attard xehdet quddiem il-Maġistrat Dr. Miriam Hayman fit-8 ta' Novembru 2012, jirriżulta illi ż-żmien tal-akkadut li hija tirreferi

għalih f'din ix-xhieda jikkombaċja proprju mas-segwenti telefonati u messaġġi fit-23 ta' Ottubru 2012:

F'telefonata li saret minn Gilbert Busuttil lill-imputata fit-23 ta' Ottubru 2012 fis-2:19 p.m., huwa jgħid lill-imputata sabiex tmur għand Loriana biex iġġib l-affarijiet "*għaliex l-ieħor mejjet fis-sodda*". Tul din it-telefonata Busuttil ma jsemmix l-isem tal-persuna li qiegħda fis-sodda. Imbagħad fit-telefonata li Gilbert Busuttil għamel lil Odette fit-23 ta' Ottubru 2012 fis-2:20 p.m., dan jgħidilha li hu ċempel lill-imputata minħabba David u jgħidilha biex jiftehmu flimkien. Fl-istess telefonata, Odette tinstema' twieġeb li se jmorru l-ħabs flimkien. Fis-2:22p.m. Busuttil reġa ċempel lill-imputata u qalilha sabiex iċċempel lil Odette ħalli jiftehmu u jżid jgħidilha li ser ikun qiegħed jistennihom "*għax qatt ma rajtu hekk*". Mill-*filtered calls* li għamel Gilbert Busuttil jirriżulta illi huwa għamel telefonata oħra fit-23 ta' Ottubru 2012 fit-3:31 p.m. Ma jissemmewx ismijiet, iżda twieġeb mara. Gilbert Busuttil staqsiha fejn qegħdin u din tgħidlu li kienu deħlin proprju dak il-ħin tat-telefonata.

Mill-messaġġi kontenuti fil-*mobile phone* tal-imputata, jirriżulta illi fit-23 ta' Ottubru 2012, l-imputata bgħatet messaġġ lil Odette proprju fis-14:30:33, fejn qaltilha hekk: "*Ha ncempillek daqt imma ma nistax nitkellem sew ax aw ir ragel hdejja. Kemm tajdli fejn ha nilaqaw u nmorru and loriana flimkien ok u ssemi xejn aktar*".[49] Dakinhar stess, fil-16:43:48, l-imputata rċeviet messaġġ mingħand Pippa, li fih din qaltilha hekk: "*Thanks so much ta nahseb fih naf kem adej min ugih nikbi spicajt*"[50], għal-liema l-istess imputata wieġbet hekk fl-16:47:44: "*Ma rridekx tahseb hazin, imma jn ukoll inhossni veda mdejqa minhabba fih. But he will get better ta issa ta. Mnalla mort*"[51]. Għal dan Pippa weġbitha hekk fil-16:48:23: "*Fukn rit imnala mort ara veranafulek*".[52] Fil-17:35:18, imbagħad, l-imputata rċeviet messaġġ mingħand Odette li jgħid hekk: "*Ok ta dak ghax cempel gilbert issa qalbi david ihobb hafna*".[53]

Huwa evidenti għal din il-Qorti mis-suespost, illi Gilbert Busuttil kien qed jirreferi għal David Gatt u li kien qed jitlob lill-imputata u lil Odette Ciantar sabiex jeħdulu d-droga ġewwa l-ħabs sabiex 'ifieq'. Il-messaġġi ta' wara bejn l-imputata, Pippa u Odette abbinati max-xhieda ta' Philippa Attard juru illi l-pjan tagħhom kien fil-fatt irnexxa u illi l-imputata rnexxielha tgħaddi d-droga lil Gilbert Busuttil tramite bewsa ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin. Il-Qorti tqis illi għalkemm Philippa Attard ma tispeċifikax fix-xhieda tagħha dak li l-imputata għaddiet lil Busuttil f'din l-okkażjoni, biss illi għaddietlu d-droga huwa

[49] Ara a fol. 191 tal-proċess.
[50] Ara a fol. 150 tal-proċess.
[51] A fol. 190 tal-proċess.
[52] A fol. 150 tal-proċess.
[53] A fol. 150 tal-proċess.

evidenti fl-ewwel lok mill-fatt li għaddithielu tramite bewsa – naturalment ma kienx ikun hemm skop għal dan li kieku l-oġġett in kwistjoni ma kienx illegali, fit-tieni lok, min-natura tal-konversazzjoni u l-messaġġi fuq indikati u fit-tielet lok, stante illi Philippa Attard dejjem irreferiet għall-eroina bħala d-droga li t-tfajliet kienu jgħaddu jew jippruvaw jgħaddu lil Busuttil u lil Gatt waqt li dawn kienu jinsabu ġewwa l-ħabs. Fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, il-Qorti m'għandha l-ebda raġuni għaliex tiddubita illi anke dakinhar dak li l-imputata qalet lil Attard li għaddiet lil Busuttil kienet proprju droga eroina.

Għaldaqstant, apparti li anke f'dan ir-rigward, tirriżulta sodisfaċentement ippruvata l-imputazzjoni (a), tirriżulta wkoll ippruvata l-imputazzjoni (ċ).

**Kunsiderazzjonijiet Dwar Piena**

Għall-fini ta' piena il-Qorti qegħda tieħu in konsiderazzjoni diversi fatturi. Fl-ewwel lok qegħda tqis il-fedina penali tal-imputata, kif aġġornata sa Ġunju 2019, mil-liema jirriżulta illi l-imputata nstabet ħatja dwar pussess ta' mediċina psikotropika u ristretta *ecstasy* u talli bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku, ikkommettiet reat li hija kellha tissorvelja li ma jsirx ai termini tal-Artikolu 141 tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll dwar pussess tad-drogi eroina u kokaina. Dawn ir-reati lkoll seħħew qabel il-każ odjern u għalhekk ma jidhrix li miż-żmien tal-każ, hija reġgħet xellfet diffrejha mal-ġustizzja.

Il-Qorti qed tqis ukoll il-gravita` tar-reati odjerni, u illi apparti li dawn ma seħħewx f'okkażjoni waħda, jikkonsistu prinċipalment fil-fornitura tad-droga bl-intiża li din tiddaħħal ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin.

Tqis ukoll mill-banda l-oħra illi minkejja li din il-Qorti skartat l-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputata, inkluż dik ġuramentata minnha quddiem Maġistrat, hija kkoperat bis-sħiħ mal-Pulizija matul l-investigazzjoni dwar il-każ, tant illi l-Prosekuzzjoni ddikjarat illi l-imputata għandha tibbenefika minn tnaqqis fil-piena a tenur tal-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Tqis ukoll illi l-imputata stess kienet afflitta mill-problema tad-droga fiż-żmien tal-każ odjern, kif evidenti wkoll mill-messaġġi fuq il-*mobile phone* tagħha, u illi minkejja li dan mhux xi skużant li għandu jwassal sabiex l-istess imputata ma tiġix punita għar-reati minnha kommessi, il-Qorti qed tqis illi kien dan iċ-ċirku vizzjuż li wassal lill-imputata sabiex tikkommetti r-reati odjerni.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 7(1) u (2) tal-Kap. 260 tal-Liġijiet ta'

Malta u l-Artikolu 17 tal-Kodiċi Kriminali, qed issib lill-imputata **Graziella Francalanza** ħatja tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tagħha u tikkundannaha għall-piena ta' **tmien (8) xhur priġunerija effettiva** u **multa ta' elfejn ewro (€2000)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tista' titħallas mill-ħatja b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt ewro (€100), bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-ħatja tonqos milli tħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lill-ħatja tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta bis-segwenti mod: nofs l-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut[54], ammontanti dan in-nofs għas-somma ta' ħamsa u tmenin ewro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€85.67), is-somma ta' sebgħa u tletin ewro u seba' ċenteżmi (€37.07) mill-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni ta' PS 612 Theo Vella u PS 644 Evan Camilleri, *Scene of the Crime Officers*[55], u s-somma ta' tliet mija, wieħed u sebgħin ewro u tlieta u sittin ċenteżmu (€371.63) mill-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni tal-espert tekniku Dr Stephen Farrugia Sacco LL.D.[56], b'kollox ammontanti għas-somma komplessiva ta' erba' mija, erbgħa u disgħin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€494.37). Tali spejjeż għandhom jitħallsu mill-ħatja fi żmien sitt (6) xhur mil-lum.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat

[54] Dan in vista tal-fatt illi għall-fini ta' ħtija tal-imputata, il-Qorti qieset biss dik il-parti tar-relazzjoni rigwardanti d-droga eroina li nstabet fil-pussess tal-istess imputata.
[55] Anke hawn il-Qorti qed tqis biss l-ispejjeż konnessi mad-droga eroina li nstabet fil-pussess tal-imputata u għalhekk qed tinkludi biss is-segwenti spejjeż mit-total tal-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni tas-*Scene of the Crime Officers*: tliet ritratti €10.47, ilbies protettiv €11.65, ippakjar ta' esebiti €2.33, aċċess €6.99, spejjeż ta' vjaġġar €4.66, u terz tal-ispejjeż konnessi mal-paġni tar-rapport 97c, f'total ta' €37.07.
[56] Mill-ispejjeż indikati mill-istess espert fir-relazzjoni tiegħu, il-Qorti qegħda talloka lill-imputata biss l-ispejjeż konnessi ma' *smart phone* u SIM *Card,* is-somma sħiħa ta' €29.72, terz tal-ispejjeż intestati *Letters Srv Pro,* terz tal-ispejjeż intestati *Crt Application,* terz tal-ispejjeż intestati *Sealing, Typing, DVD/CD, Binding, Photocopies/Printing Clr,* l-ispejjeż tal-*Photocopies/Printing B/W* u kwart tat-trasport, ammontanti għal €371.63.